


PERIODICU AGRICOLU-INDUSTRIALI

*MINGHAIR PARTIT—Mimli b'kari onest ghall'idejn cullħatt.*

MAHRUG MIN

**The Chilean Nitrate Committee, 53, Strada San Vincenzo Sliema, Malta.**

**Ed.tur u Direttur Onorariu C. ZAMMIT MARMARÀ F.R.H.S.**

Vol. I. No. 5 — Circulazioni 7,000 Copia




X'uħud mil bdieua taghna jistghaġbu ghax jarau illi ghalchemm zerghu l'istess xorta ta zerrigha, il bidui kribhom ghandu ħxejjex u frott aħjar min taħħom. It-trab hù xorta uaħda u'd-demel intghata l'istess; x'inhu immela li tgha lil bidui l'jeħor prodott aħjar?!

L-ghelejjel u's-siġar tal frott xejn inkas mil bniedem jinħtigilhom min idur bihom, u jecc id-dur bihom chem jinħtieġu, huma ituc il frott li tinħtieġ int.

Ftit huma il bdieua li f'uakt il ħidma ta l'art igibu kuddiem ghainei-hom li f'dac it-trab hemm jeu se'icun hemm ħxejjex li jgheixu u iħossu xejn inkas milli inħossu aħna, u li jicbru xejn inkas milli nicbru aħna, u li biex jicbru jinħtigilhom sustanzi u cultivazioni xejn inkas mil bniedem, ghalchemm xort'oħra. Huma jimirdu bħal ma jimrad il bniedem u biex ifieku *jinħtigilhom cura u medicini bħal ma jinħtieġ lilna.*

Il ħidma ta l'art immela jinħtieġ li issir bil ghakal, jinħtieġ li *ma idejna inħaddmu rasna.*

Mita aħna nizirghu il patata jeu ghelejjel oħra, ghalfejn nonkxu l'art cull tant zmien uara li tinbet? Biex inneħħu xi ħaxix ħazin li maħħa icun tela? Narau.

Hu f'ideich zoccra-gebla, jeu zoccra tac-ciangatura u xarrab tarf minnha fil caffè; x'giara? iz-zoccra ixxarbet collha! Hu ftila ta lampa u daħħal it-tarf taħħa fil pitrolju; il ftila ixxarbet sa fuk nett, u mita xghalt it-tarf ta fuk il petroliu li chien hemm fil lampa beda tiela ftit ftit sa chemm inħela collu! Il ghala ma xghalx biss dac il pitroliu li chien hemm imxarrab fit-tarf u'l ftila intfiet? Il ghala

mita xarrabt it-tarf taz-zoccra ix-xarbet collha u m'hux it-tarf biss li daħħalt fil caffè?

Daun huma esempi tal "Cap llarità", u dac li sar fiz-zoccra u fil ftila hua gej mil presenza ta numru cbir ta tubi irkak ferm (Latin *capillus*, xgħara). Ectar ma jicber id-diametru ta geuua ta daun it-tubi, izied tonkos fihom il proprietà li tiġbed (capillarità.)

Miliuni min daun it-tubi jinsabu fil ħamrija, u ictar ma icun irkiek it-trab ictar icollu forza tal capillarità. Mita l'art tinħadem u titħalla b'tub cbir, din il forza tal capillarità tonkos.

Mita uiċċ l'art icun nixef, jecc aħna nghazku dakxejn insibu li taħt il uiċċ, l'art ghada nidia; jech aħna inħallu il uiċċ chif inhù, l'umdità li hemm taħt tingibed il fuk lejn il uiċċ u tintilef; chiecu il uiċċ jigi minkux irkiek, dauc it-tubi uisk zghar ta capillarità jinkatghu u l'umdità tinzamm ma l'gheruk fejn tinħtieġ u'l pianta tcun tista tieħu mill'gheruk l'umdità u's-sustanzi li tinħtieġ. Fi trab maħdum tajjeb mita tgħamel ħafna xita dina tinzel actar l'isfel milli jistghu jilħku l'gheruk; izda mita ix-xità tonkos l'umdità li icun hemm f'kieħ it-trab tergia tingibed biex tghati l'umdità lil uiċċ. Jecc il uiċċ ma icunx minkux, l'umdità tibka tiela u tintilef fl'aria.

Dan uieħed jista ucoll jaraħ billi ikiegħed kasrija b'xi pianta geuua plattin tal ksari bl'ilma, jecc il ħamrija hi xotta, aħna insibu illi uiċċ it-trab tal kasrija ix-xarrab fil ŭakt li l'ilma tal plattin ma ghadux hemm. L'ilma it-tieħed mit-trab u tela sal uiċċ permezz tal capillarità.

Min hecc narau chemm hù meħtieġ u il ghala uieħed jonkox l'art. Barra milli bl'inkix il bidui jaħzen l'umdità fil ħamrija, it-tinkix iservi ucoll biex tidħol l'aria fit-trab u izommu f'condizioni tajba, fli stess ħin it-tinkix jinħtieġ biex jaħdmu tajjeb il bacteria li icun hemm fil ħamrija (ghara pagina 118 f'IL BIDUI li ħareġ kabel dan).

Il ħidma ta l'art hì l'actar xoghol meħtieġ ghal għelejjel u siġar tal frott. Min hecc ucoll uieħed jara il ghala zerrigha taiba f'idejn bidui trascurat tati prodott ma jisua xejn.

## IN-NITRAT TAS-SODA TAC-CHILI U'L BDIEUA TAGHNA.

Jecc chien hemm ħagia li il bdieua tagħna ħarrsu leigha bl'icraħ, dina chienet in Nitrat tas-soda mita daħal ghall'euuel darba f'Malta 6 snin hilu. Il Bdieua, minghair katt ma ħasbu x'ġid cbir sejjer icun ghalihom u għal biedia taghna in-nitrat tas-soda, ma riedux jafu bieħ.

Xi bdieua intelligenti izda, ħassbu xort'oħra u kabel ma jghaidu xejn fuku riedu li jippruvauħ, l'euuel uieħed li ippruvaħ m'hemminx lilu in-nifsu u ried jargia jipprova, izda it-tieni prova serviet biss biex giaghlet lil dan il bidui jaħzen in-nitrat ghax baza li jispiccia.

Xi bdieua oħra ippruvauħ u sabuħ tajjeb tas-seu, izda ghalchemm, huma sabuħ tajjeb u *bakau jazauħ sena ictar mill'oħra,* marru jghaidu lil bdieua oħra li *ma sabuħx tajjeb,* biex il ġid li ked jarau min-Nitrat tas-soda *jibka ghalihom biss.* Daun huma dauc innies li ghalihom jghodd il proverbiu *"Hatt ma jghaidlec aħsel uiċċec biex tcun isbaħ minnhi".* Bdieua onesti u bdieua li jgħamlu il ġid lil proxxmu taħħom m'hux biss xandru il ġid li kghed jeħdu min-Nitrat tas-soda izda ucoll, *minghair ma tlabnihom aħna,* bghatulna ittri biex nippublicauhom f'dan il ctieb, l'organu tal bdieua.

Aħna ir-ridu li il bdieua collha ta Malta

u Ghaudex icunu hagia uahda u jgheinu lil xulxin f'collox *u minghair kerk.* X'uhud jgheidulec dan ma jistax icun, ahna hecc conna u hecc nibkghu. Lè Bidui hija, lè, ma nibkaux hecc. Ibda inti l'euuel uiehed ghamel il ġid lil proxxmu u hecc l'ohrajn jghamlu bhalec; u mita flx-xoghol tieghec is sib xi hagia li tirrendilec izied, din ghandec turigha lill'ohrajn. Chiecu in-nies tad-dinja cull hagia li sabu zammeugha ghalihom, chiecu illum ma ghandniex daun l'ghegubijet tax-xienza fl'art, ffairu u fil bahar.

Nergiau ghal li connha kabel.

Li staġiun li ghadda numru cbir ta bdieua ippruvau ghall'euuel darba in-Nitrat tas-Soda tac-Chili (*icun kiesu melh*) u oh! chemm hargiu cuntenti, u chemm ghaleu li ma bdeux juzauh kabel.

Izda ma dan collhu ghad fadal numru cbir ta bdieua li ma ippruvauhx (jeu ippruvauh hazin) u hecc nisperau li huma ma ihallux stagiun jehor jghaddi u ma jippruvauhx.

"Darba chien hemm xebba sabieha indiana " li ir-Rè tahha xtak jatigha fortuna. Giurnata uahda oghat ghaligha, hada f'tarf ghalka cbira ta kamh u kalla "*Xebba sabieha; jen irrid nghamlec sinjura, ibda min tarf din il ghalka u ibka miexia sa fejn trid inti. Ghazel uahda miz-zbul sabieh li inti tintaka mahhom, u scond il gmiel taz-zbula li tghazel tcun xortic. Inti ma tistax tergia l'ura, l'enkas takta zbula u mbghad tarmigha. Ghazel zbula uahda biss li inti jidirlec l'ahjar u bigha ejja kuddiemi.*" Ix-xebba hecc ghamlet, bdiet miexia u intakat ma kamh li katt ma rat bhalu kabel; izda bil hsieb li issib ahjar minnhu compliet miexia sa chemm bdiet tiltaka ma zbul zgheir li ma jisua xejn. Haunecc bdiet tghali li ma ghazlitx iz-zbul li iltakat miegheu fil bidu ta l'ghalka. Dejjem tittama li issib ahjar, compliet miexia sa chemm ma nzul ix-xemx lahket fit-tarf l'jehor fejn sabet l'ghaar zbul li chien hemm fl'ghalka, hi bdiet tibchi ix-xorti li tilfet mita chien tard uisk. Ir-Re cianfara bla hniena mita rà il blugha tahha."

Tghamilx mela bhal dic ix-xebba. Thallix din l'opportunità tiscappa min taht ghaineich, ghamel f'rasec li int ucoll tcun bidui ghakli, bidui modern u li ir-raba tieghec tibda iddemmlu ucoll b'dac il uisk magharuf u imsemmi demel artificiali NITRAT TAS-SODA.

Inti taf tajjeb li cull hagia li tmur fis-suk, timbiehh scond il qualità li tcun. Prodott imkghabar hù dejjem imcasbar u scartat. Izied min darba missitec il cursità li tara prodotti ta hattiehor, u bosta drabi giè li rait fis-suk inchella fil gionna prodotti li **bhalom ghadu katt ma chellec.** *Innies ifahhru lill bidui siehbec li dan ihossu tant churi ghax ghandu prodott ahjar min tieghec* fil uakt li *inti* tidher bla ghakal u bla hila fis-sengha tieghec.

Ghaliex *hattiehor* ghandu prodotti sbieh u *int* lè? Ghaliex il prodotti *tieghec* ectar jimirdu fil uakt li ta *hattiehor* huma uisk sbieh minghair mard u insetti? Il htija collha tieghec. Uiehed mexa mal progressi cbar li saru fid-dinja, u *inti* bkait dejjem l'ura u ma ridt taf b'xejn. Compli sejjer chif int-jecc trid-imma iz-zmien m'hux fil boghod mita jiddispiacich tan-nukkas ta ghakal tieghec. Ghokod bil pipa f'halkec fuk ic-cint ta l'ghalka, ghara ir-raba tieghec sejjer l'ura, fil uakt li il bidui ghakli kieghed jitghaxxak bil prodott tiegheu, jehu l'unuri u jistghana.

Tehoda contra hatt bidui hija—il htija hi tieghec biss.

Inti jista icolloc prodotti sbieh, prodotti bil cotra, prodotti li igibu gheira lil shabec, *prodotti li ikallauc il flus;* u ghaliex le?!

Akrau ftit fil Bidui li s'issa hrigna xi jghaidu *bdieua bhalec* li uzau il famus demel artificiali Nitrat tas-Soda. Ghaliex ma tghamilx bhalhom?

Wagner li hu uiehed mill'akua autorità tad-dinja fl'Agricoltura jgheidilna li bl'uzu ta 100 Ratal Nitrat tas-Soda ittiehdu zieda ta 400 ratal kamh, 2500 ratal patata, 2500 ratal pitravi taz-zoccor u 2500 ratal pitravi tal animali, *barra miz-zieda fit-tiben.*

Bdieua ohra f'pajjisna hadu anchi risultati akua min dana.

Minghair ma thalli zmien izied jghaddi ibda uza in-Nitrat tas-Soda, u dac li titghallem minnhu gheidu lil bdieua shabec. *Cun akli u onest!*

# MEHTIEG GHAL BDIEUA.

Gaudi il mutur tieghec, zommu f'condizioni taiba minghair ma icolloc bzonn tnaddfu billi tuza il Famus

## "PETROLIU TA L'ASIATIC U BENZINA SHELL"

L'ectar petroliu raffinat u speciali ghal muturi li hu uzat mill'akua motoristi tad-dinja. L'akua fabrichi ta barra jirricmandau dan il famus petroliu Asiatic u Benzina Shell (tal arzella).

UZA LILU U FADDAL IL FLUS!

Jimbieħ cull'imchien f'Malta u Ghaudex fit-tankijet HOMOR U SOFOR tal ASIATIC PETROLEUM COY. LTD. (tal marca ARZELLA).

*Zomm dejjem id-dar u'r-razzett nádif u ħares l'ghar mard* billi tuza

## SHELL-MORTOL

### CHIF TUZAH.

**DUBBIEN, NEMUS, ECC.**— Ghalak il bibien u it-tuieki collha u zomm il pompa ippuntata il barra minnec u ibda roxx. Leuuel is-sakaf u imbaghad il ħajt minn fuk s'isfel. Uara li tcun raxxejt *Shell-Mortol* bizzejjed id-dubbien u l'insetti ghal-leuuel jibdeu jittajru l'haun u l'hemm, uara ftit tonkoshom il forza, jistordu, jakghu u imutu.

**BAKK U BRIGHED.**—Hott is-sodod biccia, biccia. Ix-xkuk u it-tghatin ghandhom icunu imraxxin tajjeb bill *Shell-Mortol* u li strixxi, u il ħadid tal ġnub ghandhom jigiu midluca b'dan il liquidu. L'insetti zghar imutu malajr u il cbar ma idumux ħajjin actar minn sitt minuti.

**CAMLA U UIRDIEN.**— Lbiesi, ħuejjeġ tal pil ecc. ghandec tfarfarhom, tnaddafhom u tiflihom ghal camla. Il pompa, zommha, xi nofs metru boghod mill'oggett, u ix-*Shell-Mortol* roxxu bill moghod. Il *Mortol* m'hux biss jekred il camla izda anchi il bajd taħha.

**IN-NEMEL ECC.**— Hemm bzonn illi troxx malajr u bil quantità, biex kabel ma daun l'insetti jiscartau icunu già ħadu *Mortol* biz-zejjed. Ghal dan ix-xoghol aħjar tcunu tnejn min-nies. Uieħed biex iroxx u l'iħor malajr ighezzez l'insetti flimchien biex ma iħallihomx jaħarbu. Jaħtieġ uisk illi jigiu imraxxa il lochi comdu, il pixxiatur, fejn jinzamm il bzar (zibel) ecc. chif ucoll mal ġnub collha tal canni tal ilma. Ghal bidu hemm bzonn li troxx culljum izda uara zmien icun bizzejjed jecc troxx darba fil gimgha.

**ID-DANNU TAL BIEDJA.** · *Shell-Mortol* hu mextieġ uisk fl'agricoltura biex jiccumbatti l'insetti danneggiusi; biex tħares iz-zuiemel, bakar tal ħalib, animali li jinzammu ghas-simna u anchi tjur ghandec troxxilhom il *Shell-Mortol* taħt il pil jeu ir-rix taħħom, l'insetti f'dakka uaħda jakghu minn fukhom u imutu. Cull carrettun tal bdieua dejjem ghandu icollu ix-*Shell-Mortol* u l'animal ghandu cull tant jigi imraxx. Daun ghandhom jigiu imraxxa mir-rashom sa dembhom, *izda min icun ked iroxxhom jittendi ghal ghajnejhom.*

Unici Agenti f'Malta **Degiorgio & Azzopardi** 225 Sda. Mercanti, Il Belt




No. 11 Sda. Chiesa
Sannat, Gozo.

## IN-NITRAT TAS-SODA HUA DEMEL MIRACULUS.

Sur Editur,

Jena cert li jecc il bidui jghamel chif sejjer ngheid f'din littra il biedia taghna tigi il kuddiem ictar milli jaħseb hu.

Jena ngheid li jecc il bidui ma juzax in-Nitrat tas-Soda ma jista bla ebda mod jigi il kuddiem fil biedja tighu; ghaliex in-Nitrat tas-Soda icattar il prodotti u icunu isbaħ, seu jecc jusaħ fis sigiar bħal ma huma: — leus, tin, laringˋ, lumi, ħarrub, rummien ecc., chem ucoll jecc juzaħ fil pianti pħal ma huma: — kamħ, zunnaria, tadam, ħiar, piżravi, u l'izjed crafes (zocc uieħed tal crafes imdemmel bin-Nitrat tas-Soda chien fieħ ratlejn u quart uzin u il uerak tighu gholi maz-zeugˋ piedi).

Mela jen sejjer ngheidilcom ghaliex il biccia il cbira tal bdieua ma iridux juzau in-Nitrat: ghaliex l'euuel darba li gie dan in-Nitrat intghata ftit lil bdieua b'xejn, u ghalech il biccia il cbira tal bdieua ħadu minnu biex idemmlu biħ, u ma kaghdu xejn attenti biex jarau chif ghandhom juzauħ; allura chien hemm min farcu dan in-Nitrat u taħ lil pħajra bħal cubrit, u min mar radmu ma zocc ta sigˋra, chellu chem chellu u chien meta chien, ghalieħ seuua. Dan naf jen stess li ghamluħ ictar min uieħed u tnejn, imbghad xħin tgheidilhom biex juzau dan in-Nitrat jgheidulec: ghaliex ma tmellaħx hu u min ivvintaħ, jen ma chellix il pħajra u taita minnu, colla nixfet. Imbaghad xħin tgheidlu chif tajtiela, jgheidlec ma nafx jen, naf li conna ghaddejjin minghajru sallum. Imma jen lil daun it-talin collha ngheidilhom li dari l'ankas chien haun carrettuni u carrozzini fl'art u l'ankas vapuri u frejgati fil baħar, chienu ghaddejjin in-nies ta kabilna min ghajrom imma gheid lilna nghoddu min ghairhom illum il giurnata u hecc ucoll chellu bzonn jigi dan in Nitrat li aħna ma nghaddux minghairu illum ghaliex inchella immorru lura. Chellna ix xorti li ghandna min jifthilna ghaineina illum ma nibkghux fid-dlam pħal ma chienu ta kabilna.

Issa ngheidilcom xi ħagia mil profitti li ħatt min dan in-Nitrat tas-Soda. Leuuelnett fit-toffieħ tadam, ħammiela bla Nitrat ghamlet 3 tiptan toffieħ u miet; u l'oħra tan-Nitrat erbgha passi boghod minnha ghada ħadra sallum u dejjem bit-toffieħ sabieħ u cbir ghaliex tadama ta ratal-u-nofs ktaita chem il darba minnom u sakkejtom xorta uaħda u hecc ucoll fil laringˋ, fil gˋidra, fil patata, fil brungiel, fil crafes ecc.

Mela min juza in-Nitrat tas-Soda seuua ma jistax ma jigix il kuddiem ictar milli jaħseb hu, u min irid jaf chif juza in-Nitrat tas-Soda ghandu jokghod attent ghat-taghlim li joħrogˋ f'dan il ctieb.

Il ħabib taghcom
Felice Camilleri.

*
* *

Sur Editur,

Haun sejjer nitchellem fuk in-Nitrat tas-Soda u fuk xi affarijet oħra ghax katt ma stait nammetti kabel ghamilt prova. Chelli mixtla tal Pastard cbira xħin nibet tħassar u chien imtektek, bil uerak isfar u isued u chelna biccia raba cbira ghat-taħuil, jena bdeit inħabbel rasi u xtrait ghaxar libbri Nitrat tas-Soda u taitu ma cull erbgha galluni ilma quart u nofs Nitrat. Dana ix-xitel uara ftit gˋranet mort biex nargia inti ħ l'ilma u insibu collu bil uerak gˋdid u sabieħ ħafna. Fi ftit cliem ħauuilt l'ghalka collha li fiha tnax il tomna, u issa kighed nippruvaħ f'collox u kighed insibu tajjeb ferm.

Issa sejjer nitchellem fuk il bexx tal Cupru u fuk il Gir Vergˋni li jitħaltu flimchien. Jena chelli zrieħ ta ghaxar knatar patata, u x'ħin bdiet tinbet bdiet fil uerak tittabba bi dbajja suued u anche fiz-zocc,

Jen bdeit naħseb chif sejjer ngħamel u peres li cont ili nismaħħom isemmu fuk dan il bexx tal patata u anche fuk id-duieli, mort il Belt u xtrait pompa u bixxejt il patata collha. F'dac il ħin li cont kigħed inbexx, cull min igħaddi iħares leija u bil chem ma riedux igħaddu iz-zmien bija u xi uħud riedu jaktgħu il cursità u spiss imorru biex jarau jecc għaddietċ tajjeb fuk il bexx. Uara ħmistax il giurnata irgiait mort imbixxom u sibta għaddiet tajjeb ħafna. Għadda ragel bidui u kalli din il patata x'għamiltila ma haunx għalka sabieħa bħala. Din il għalka, għedtlu, ħmistax il giurnata ilu bixxeita bħal ma bixxeita illum, u kalli biex inbixxlu tiegħu ucoll. Fi ftit discors jena kbat ix-xogħol man-nies bil bexx u beda jingħogiob uisk li bdeu gejin 10 jeu 12 culjum id-dar biex immur imbixxilhom il patata għedtilhom però li issa anche idduieli iridu il bexx u niggarantilcom li fuk il patata għamel gid ħafna fuk id-duieli ftit izied.

X'uħud min-nies meta rau chemm hua tajjeb il bexx għal patata iddecideu li jixtru pompa u bdeu ibexxu biha. Intant jen iccalculait li domt 3 xuhur u nofs imbexx culljum ma nistax inlaħħak max-xogħol u bixxeit ma duar 212 il tomna patata u 206 duieli il bicciet minnhom geu imbexxin tlet darbiet, oħrai darbtein u oħrain darba, scond l'opinioni tas-sid.

GIOVANNI FARRUGIA.

Via Notabile No. 4 Siggieui.

*
* *

39A Sda. Reale
Musta

Għaziz Editur

Jena sejjer nicteb dina l'ittra biex nuri lil karrejja tal Periodicu "Il Bidui" chemm hu cbir il gid li jagħmel in-Nitrat tas-Soda lil prodotti u lir-raba.

Jena krait il Periodicu tal Bidui u mita rait il gid li jagħmel in-Nitrat tas-Soda gennint il missieri biex idemmel ir raba collu tiegħu bid-demel artificiali.

Missieri ma rietc jemmen b'dan in-Nitrat tas-Soda kal dac collu daħc fil uiċċ. Mita imbagħad taitu il Periodicu tal "Bidui" li krait staksieni minfein jinxtara in Nitrat tas-Soda.

Jena ureitu min fein għandu jixtri u chif għandu jatieħ. Il għalka zeraħħa patata u mita kalaħħa sab li giebet iżjed min drabi oħra.

Haunech allura missieri ra li in-Nitrat tas Soda mux daħc fil uiċċ izda flus zejda fil but.

Oh, bdieua maltin demmlu ir-raba tagħcom bin-Nitrat tas Soda għaliex jagħmel gid cbir lil prodotti u ir-raba u akrau il Periodicu tal "Bidui" għaliex dac igħeidilcom chif għandcom iddemmlu ir-raba tagħcom bin-Nitrat tas-Soda.

In-Nitrat tas Soda hua tajjeb għal qualunque prodotti u għal qualunque qualità ta raba.

Is-serv umilissimu
SALV. CARUANA.

*
* *

C. Attard

Sur Editur,

Billi il bdieua tagħna bakgħu xi ftit lura fil ħidma u il cultivazioni tar-raba u ma għarfux jimxu seuua bizzeijed maz-zmienijet hemm bzonn li ma tant xogħlijet oħra narau x'jagħmlu il popoli u il gvernijet t'artijet esteri biex jincoraggixxu u izidu il kalb lil bdieua taħħom u nimitauhom.

F'Milan il gvern għal proposta li għamillu Dr. T. E. Cattorini kigħed għall'għasafar fil gionna pubblici, "Tarco" u "Villa di Milano" beitiet artificiali u post jet fejn jigiu mitmugħa.

Il gvern Milanis ha l'iniziativa biex juri, igħallem u jagħmel il curagg lil bdieua chif irabbu u izidu il bbieb taħħom: daun l'għasafar huma uicchila ħafna ta insetti li jagħmlu ħsara lil biedia.

Dan l'esperiment jista jigi mgħamul ucol mil gvern tgħana fil gionna ta Sant Anton u il Buschett. Jecc is-sur Marmara irid nibgħatlu fotografia ta tlet għamliet ta beitiet, u post fejn jigiu mitmugħa l'għasafar li geu imkegħda fil gionna ta Milan biex jippublicom fil Bidui. Issa aħna *bdieua u delettanti* għanna nahsbu seriament u fuk

collox, biex nokghodu attenti, u nghamlu bir rekka collha it-tghalim li ghalina jigi maħruġ minn tant benefatturi taghna, bħal ma huma C. Zammit-Marmarà, prof. G. Borg M.A., M.D. u oħrain. X'iservi ix-xoghol energicu ta daun is sinjuri, jecc aħna causa tal menti imdalma tghana ma nifmux u ma inzommux bħala guida u regola il pariri u it-tuissijet xientifici u moderni taħhom? Nibdeu immela inneħħu minn moħħna dauc il ħafna pregiudizzi li ghandna minghair, bosta drabi, ma aħna capaci natu ebda ragiuni taħhom u naccettau bil kalb l'incoraggiment ta min jifhem actar minna biex narau bic-ciar x'kalba tieħu ghall'aħjar il biedja taghna altrimenti fejn aħna nibkghu.

LORENZO FRENDO.

* * *

Sur Editur,

Billi naf li inti ħadd piacir bl'ittra li bghattlech tħajart nibghatlec ittra oħra.

Jena l'actar ħagia li narah li tfixchel l'Agricoltura f'pajisna chif nifem jen hi din: li ir-raba jintaghata ghal erba snin biss u mux cens ghal dejjem jeu ghal 99 sena, ghax imħabba dan l'inconvenient, il bdieua, fein tcun art tad-duieli jizirghuha silla u kamħ u fein ma tcunx taghmel zara u silla ghax forsi tcun geuua rdajjem, jamluha tuffieħ tadam; mentri chiecu jintaghta cens ghal 100 sena jeu jimbieħ chiecu il bidui jghamel izied premura biex jghaddi il kuddiem irraba u per conseguenza l'agricoltura ucoll icollha progress cbir.

Ir ragiuni hia ciara. L'ebda bidui li ghandu biccia raba ghal erba snin ma jakbillu jaħdima u jaghmila ġnien: ghax f'leuuel erba snin il gionna ma jatux frott imma xoghol biss, dan min ser jaghmlu biex xħin ighaddu l'erba snin tax-xoghol u jaslu is-snin tal frott l'euuel bidui jitcheccia minghair ma icun ħa xein u jidħol f'locu bidui ieħor?

Ghal cuntrariu meta ir-raba jigi meħud cens jeu mixtri icun jista jitħauuel duieli, siġar tat-tuffieġ, lanġas, berkuk, pruna, ghainbakar etc. Ghax meta il bidui jixtri jeu jeħu cens ma icollux biza li icun jaħdem ghal ħattiħor imma ghalieħ u ghal uliedu li tant iħobb.

U bħal issa ir raba jista jimbieħ jeu jintaghta cens bi prezz tajjeb ghax pħal issa ir-raba culħatt ificciu u min ma icollux flus jissellef malair ghax jakbillu.

Anzi chiecu ir-raba jinbieħ jeu jintghata cens chiecu tinkatel il brimba ta tant glied bein in-nies tar-raba u il familji taħhom, ghaliex billi ir-raba jaghlak cull erba snin in-nies tfittex tghalli il prezzijet biex tidħol f'loc ħadiħor.

Biex uieħed ichecci lil iħor biccia raba muellija 30 lira ghamluha 56 lira, u dana jiġri culjum.

Ghalech igheid il bidui f'pajisna: Min iseuui f'ta ħattiħor icun jghamel triek biex joħroġ.

Fost l'oħrain isma x'giara darba:

Uieħed bidui jismu Pietru chellu ghalka muellija ghandu ghal 8 snin min ghand sinjur; issa dan l'imbierec ta Pietru chien dejjem igheid li xaba min dic l'ghalka, li m'hix tajba biex ħadd ma jitħajjar imur ghand is sinjur biex izidu fuku. Allura Paulu mar ghand is-sinjur, uara li chien sama dan id-discors ta Pietru u kallu: "Sinjur hemm Pietru xaba mil ghalka, tridc meta tghalak f'Santa Maria li gejja neħoda jena?" "Isbaħ din", kallu is sinjur, "ma natielecx ghaliex?" u erħilu Paulu jifraħ ghal din l'aħbar, hua ħaseb li billi Pietru ma iridiex hua jibka jeħoda cull 8 snin u hecc icun jista jaghmilha ġnien. Imma mischin sgarralu ghax Pietru xħin sama b'dan saħan saħna nobis, mar ghand is-Sinjur u talbu iuellilu l'ghalka ghal 8 snin oħra malli jispicciau it-tminia ta Paulu; ħada fl'1926 biex jidħol fiha fl'1934; dan collu ghax irraba ma jintghatax cens ghal zmien tuil.

Sur editur, nitolboc toghddni dejjem pħala uieħed mil ħbieb tighech, tal Bidui u tal karrejja tighu. Jena is-serv tighec

ANGELO FALZON

Sda. San Blass No. 71, Nadur, Gozo.

# MACCHINARIU GHAL BEXX U TISKIJA

## GHAL CULL CULTIVAZIONI, BIEX TIPPROTIEGI L'IZ-ZERRIGHA U TIEHU PRODOTT AKUA.

Chellec dejjem xita mita chienet tinħtieġ ghal ghelejjel tieghec? (Le)
Chellec dejjem xita chemm tinħtieġ? (Le)
Jista icun li inti tghokod tittama fix-xita? (Le)




Trid tieħu l'akua prodotti mir-raba' tieghec?
Trid tipprotiegi iz-zerrigha u'l flus li tonfok?
Trid icolloc prodotti bil cotra u hecc tcattar il klieħ tieghec?
Aħseb malair billi tacquista macchinariu ġdid, l'actar economicu u l'orħos mod ghat-tiskija.

**Icteb malair u staksi biex nibghatulec b'xein offerti ghal dan il macchinariu, ibghatilna disinn tar-raba' tieghec u kiegħed fieħ xi biar, ġuiebi, jeu cumnicazzioni tal ilma li ghandec.**

**Lanninger—Regner Akt.—Ges.**
**Francfort on Main—Roedelheim**
(GERMANY)

## ID-DEMEL.

—

Mictub mil Prof. J. Borg, M.A.; M.D.,
Suprantendent tal Biedia.

### I. X'IFISSER U X'INHU.

Id-Demel hua ħagia ta ħtiegija cbira ghal biedja.

Barra minn xi artijet giodda u artijet virġni, li ma ilħomx jinħadmu u li fiħom uisk fdal tal uerak tal boschijet li cnien hemm kabel; u barra minn xi artijet *suued* tar-Russja u ta pajjisi oħra, li huma maghmulin mil fdal tal ħxejjex li chien hemm dari, ma hemm l'ebda art li ma titlobx id-demel biex tcabbar u tuassal l'uciuħ chif imisshom. Hija ħagia li jifimha cullħadd li l'uciuħ isiru mill'art, u li biex jitrabbeu u isiru, igbdu mill'art is-sustanzi li ghandhom bżonn, u ghalhecc mita jingabar il uiċċ incunu nakkasna mill'art dauc is-sustanzi collha li il ħaxixa gibdet mill'art sachemm trabbiet. Jecc nibkghu nieħdu l'uciuħ mill art minghajr ma inroddulha dac li incunu ħadnielha, jiġri li f'kasir żmien l'art ma tibkax tiflaħ tcabbar u tuassal l'uciuħ tahha. F'dauc l'artijet suued tar-Russja u ta pajjiżi oħra, il bdiena jeħdu uciuħ tal kamħ, sena uara l'oħra, ghal bosta snin, u katt ma jaħsbu biex idemmlu, ghaliex l'art hija ghonja minnha nfisha, u fiha is-sustanżi collha li jinħtieġu ghal ghajxien taz-zara', u ghal ghamil tal kamħ. Daun l'artijet suued huma *silicei*, jigifieri maghmulin mit-trab taż-żnied u tal granit, u il leun taghhom isued hua gej mill cotra ta trab kadim tal uerak *(terriccju)* li hu fdal tas-siġar u tal ħxejjex li chienu jicbru hemm fi zminijet oħra, u dan it trab tal uerak baka jingama ghal bosta mijet ta snin, sachemm trabba b'gholi li jgħaggeb. F'daun l'artijet *silicei* it-trab tal uerak iżomm ghal żmieh tuil uisk minghajr ma jicconsma u jinħarak. Imma f'artijet *calcarei*, artijet tal gir, li fihom il gir, bħal ma huma l'artijet taghna, it-trab tal uerak jicconsma u jinħarak malajr, u l'art tiftakar. Dan it-trab tal uerak jeu *humus*, jeu *terriccju*, m'hux biss li izomm l'art ħafifa, biex l'gheruk jirghu u jinzlu chemm iridu, u jerħi bil mod il mod is-sustanzi li il ħaxixa ghandha bzonn ghall ghajxien taghha, imma ucoll izomm l'art frisca u niedja ghaliex jixrob uisk ilma tax-xita u tan-nida, bħal sponza; u ghandu ucoll is-setgha li ma tul in-nixfa tas-sajf, jigbed l'ilmuba mill'ajru, u jitnidda, ghad li ma tcunx ghamlet xita. Ghalhecc f'daun l'artijet suued narau li l'art izzomm it-tira uisk actar minn artijet oħra, u fihom l'uciuħ jitrabbeu u jilħku seuua, u ma ghandhomx biza li jinħakru fit-temp xott. Tħadditna ftit fit-tul fuk daun l'artijet *silicei*, biex nistghu niftiehmu aħjar fuk xi iridu l'artijet taghna, li huma *calcarei*.

Milli ghedna jidher bizzejjed li fl'artijet tagħna mghobbijin bil gir, il humus, jeu terriccju, jeu trab tal uerak u tal ħxejjex jicconsma u jintemm f'kasir zmien; u ghalhecc jaħtieġ li naħsbu biex l'art ma jnħalluhiex nieksa minn dan it-terriccju jeu humus, ghaliex minnghajru kajla nistghu nieħdu uciuħ.

Il humus jeu terriccju tal uerak u tal ħxielef fiħ ucoll il putassa u xi ftit tal fosforu u tal azotu, li huma meħtigin ghall ghajxein tax-xitla u ghal ghamil tal frott jeu taz-zerriegha; imma actarx ma icunx fieħ biz-zejjed biex iuassal il uiċċ, u ghalhecc jixrak li dan it-terriccju icollu mieghu xi ħagia oħra li fiha hafna azotu u fosforu, u fiha ucoll il putassa. Dina ix-xi-ħagia hija il ħmieġ u l'aurina tal bhejjem u tat-tjur, u izjed ma il bhejjem icunu chielu guiez (zrieragh u tgħam), izjed id-demel taghhom icun fieħ azotu u fosforu u putassa. Dan il ħmieġ u aurina mita jitħalltu mal fdal tal ħxejjex u tal uerak, u jeħmru chif imisshom, isiru *demel*, li hua il ħajja u l'ghajxien tar-raba u ta cull ma jitrabba fl'art taghna. Ghalhecc mil ibghad zmenijet il bdieua ta cull pajjis chienu jaħsbu biex jigimghu it taħmil u id-demel tal annimali taghhom, u jitfghuħ fuk il mizbla, biex isibuħ fil kabda mita iridu jaħdmu u idemmlu l'art ghall uciuħ taghhom.

### II. XORTA TA DEMEL.

M'hux id-demel collu hua xorta uaħda, u inkas ma hua collu tajjeb xorta uaħda ghal l'istess art. Id-demel "ta l'imnut" jeu tal cnis tat-triekat ma fihx sustanza bħal ma fieħ demel ieħor, u jeħmer u jinħarak u jintemm malajr, u ghalhecc hua orħos min demel ieħor. Dan id-demel ta l'imnut icun

fieh mieghu il hmieġ u it-tahmil tal fniec tat-tigieġ, u ta annimali ohra zghar, u jisua l'izjed ghat-trab bajjad u ghal herbi, u ghal hamri mrammel jeu muhrar. Ghal leuuel fieh kauna cbira, imma jispiċċa malajr, u ghalhecc trid taghzak bieh cull sentejn, u ixxerred ftit fil uiċċ cull sena. Minn jaghzak fieh, m'ghandux jaghzak fil fond, biex l'gheruk jilhkuh malajr. Fuk dan id-demel il patata titrabba uisk u taghmel uciuh sbieh.

Id-demel taz-zuiemel tal bghula u tal hmir, ghad li actarx icun mghobbi bit tiben u bil hxielef, hua sustanzjus uisk, idum jehmer u isahhan l'art izjed min demel iehor, u ghalhecc hu tajjeb uisk ghar-raba tafli u zejti, u ghal cull xorta ta raba grass Id-demel tal bakar, u l'izjed id demel tal biccerin jeu ta dauc li isemmnu il barrin ghal biccerija hua sustanzius xejn inkas mid-demel taz-zuiemel, izomm zmien tuil fl'art kabel ma jicconsma u jispiċċa, jehmer bil mod, ma isahhanx uisk l'art, ghaliex minnu demel frisc, u ghalhecc ma tantx jista jaghmel hsara fejn jinghata xi ftit izjed milli imissu. Dan id-demel jakbel uisk ghal ghazik u it-tidmil tar-raba hamri, u l'izjed ghal hamri tkil, imma ta'jeb ucoll ghal cull xorta ta raba. Id demel tal bakar tax-xoghol icun dejjem xi ftit imhaxlef, ghaliex il bdieua biex icattru id-demel, ihobbu jitfghu fil makjel tal bakra il hxielef collha li jicsbu taht idejhom, u ghalhecc id-demel tal bakar tax-xoghol ma hux hecc sustanzius bhal dac tal barrin, li icunu keghdin fuk il ġuies b'gheddumhom dejjem giol maxtura, u ftit li xejn jitfghulhom hxielef tahthom.

Id-demel tal makjel fejn jinzammu innaghaġ u il moghoz hua ucoll demel tajjeb uisk ghal cull xorta ta trab; imma jecc icun imhaxlef uisk jeu imhallat bid-demel tal cnis, jghodd bhala demel ta l'imnut. Id-demel tan naghaġ u tal moghoż ma jehmerx uisk, bhad-demel tal bakar, imma, jghodd ghal bajjad u ghall herbi izjed mid-demel tal bakar, ghaliex isahhan izjed minnu, u jati ucoll uciuh sbieh uisk, basta ma icunx mghobbi uisk bil hxielef, u icun iccunsmat u hemer seuua fil mizbla kabel ma jinghata fl'art.

Id demel tal porci hua l'ahjar u l'izjed sustanzius ghal cull xorta ta art u ghal cull xorta ta ghelejjel u ta sigar. Imma mur sibu? Ghaliex ftit uisk jingama, u jecc nitfghuh fuk il mizbla ma demel iehor, jeu jecc ahna inzidu il hxielef u fdal tal uerak ghal markad fil makjel tal porci, id-demel ma ghandux jibka jinghadd bhala demel tal porci. Bir-ragiun collu id-demel tal porci jinbiegh oghla minn demel iehor. Leuuelnett ma hux la chemm issibu, billi dauc li irabbu il hniezer ma tantx jehdu hsieb ilakktuh u jiġbruh ghalih minnghajr ma ihaltulu mieghu żibel iehor, u mbaghad ghaliex chif ghedna hua demel ta sustanza cbira. li icabbar u igib il kuddiem ix-xtieli b'mod li jghaggeb, u jecc tati minnu iz zejjed ma hemmx biza li sejjer jahrak ix-xtieli, bhal ma jaghmel demel iehor. Ghall kbari u ghal hmiemel fl'imxietel ma hemmx demel iehor jecc tajjeb bhad demel tal porci, li icabbar u jghin, minnghajr ma katt jaghmel hsara, inkas mita ix-xtieli jibkghu xi ftit neksin mil l'ilma. Jehmer helu, u billi hua grass izomm l'art niedja u frisca izjed minn demel iehor, u ghalhecc xi bdieua jaghzlu id demel tal porci mita jigiu biex jaghmlu il hmiemel ghax-xtieli tat-tadam, tal bringiel u tal bzar, fl'akkal tax xitua biex icollhom xtieli sbieh ghal dhul ir-rebbiegha.

Id-demel tat-tjur, u l'izjed id-demel tal hamiem, hua hami uisk, u jecc tati ftit zejjed, jeu jecc thalli ix-xtieli xi ftit neksin mill ilma, minnufieh jahrakhom u joktolhom Id demel tat-tjur tajjeb uisk ghalbiex thollu fl'ilma u issakki bieh l'ghelejjel tas-sakui ma tul is sajf u il harifa, imma trid kabel xejn li dan id-demel thallieh jekd em u jic consma seuua biex ma jibkax jahrak uisk, u jinhall fl'ilma ahjar. Id demel tan naghaġ u tal moghoż kadim u iccunsmat hu ucoll ta'jeb uisk ghalbiex thollu fl'ilma u issakki bieh, bhala demel liquidu, u billi minnu frisc, katt ma jista jaghmel hsara u jahrak ix-xtieli, bhal ma jaf jaghmel id demel tat tjur Id demel tal papri u tal uiżż jahrak xejn inkas minn demel ta tjur ohra, u xi drabi jaf ucoll ikarras l'art, l'izjed jecc natu xi tiskija fuk l'ohra, kabel ma l'art tcun irtefghet u nixfet u intakxet B'dana collu id-demel tat-tjur hu mill'actar kaui u sustanzius, ghaliex fieh conceutrat m'hux biss il hmieġ, imma ucoll il ftit tal liquidu li fit-

tjur ifisser li stess ħagia bħall aurina tal annimali.

Il ħmieġ tal bniedmin, u it-taħmil tal fosos, irodd l'aħjar demel, l'izjed sustanzius u l'izjed kauui, minnghajr ma jaħrak, u għalhecc ma jistax jagħmel ħsara fl'art Il bdieua collha jafu li għalbiex tbejjet il piselli, jeu biex tħauuel it-tadam, jeu għall ghelejjel tas-sakui, m'hemmx demel aħjar mit-taħmil tal fosos; u bħa a demel liquidu għas-sakui it-taħmil tal foscs ma iħabbatha miegħu ħadd. Imma kija ħagia magħrufa biz-zejjed li il ħmieġ tal bniedmin jista icun fieħ il microbi ta bosta xorta ta mard li jittieħed għal bnedmin oħra, fosthom il colera, it-tifoide, id-disenterija, l'enterite, biex ma insemmux mard ieħor, u għalhecc dan id-demel ma għandux uieħed jinkeda bieħ għal ghelejjel, u l'izjed għall ghelejjel tas-sakui u tal ccina, kabel ma icun sterilizzat, jeu kabel ma jgħaddi minn fuku zmien tuil. F'xi pajjisi it-taħmil tal fosos u il liquidu tad-drenaġġ jisterilizzauħ (jigifieri joktlu il microbi li icun fieħ) u juzauħ għall biedja; jeu inixxfuħ, ituħ il forma ta maduma, jaħmuħ ħafif giò fran magħmulin għalhecc, u ibigħuħ bl'isem ta "briquettes", u b'dan il mod ma iħallux dauc is-sustanzi collha imorru jintilfu il baħar. Għal xi ragiunijet li biex naktgħu fil kasir ma insemmuhom xejn, ma hix ħagia ħafifa li nagħmlu hecc ucoll fil pajjis tagħna, minnghajr ma nissograu li inxerrdu jeu nixeglhu xi mard milli semmejna.

Il frac jeu trab tal għadam, id-demm u fdal ieħor tal annimali mill biccerija, il bcejjeċ tal ġlud u tad-duiefer; ir-rjus, ix-xeuc u fdal tal ħut li iħallu il fabbrichi cbar, u fdal ieħor bħal dan, huma collha demel mil l'aħjar li f'pajjisi oħra jinbiegħ dejjem bi prezz tajjeb. Hecc ucoll il *guanu*, hua ħmieġ tat-tjur u tal friefet il-lejl, li icun ilu jinġama għal mijet ta snin, fuk xi gzejjer fejn m'hemmx nies u fejn ibejtu il miljuni ta tajr ta l'ilma; jeu geuua xi għerien fejn ibejtu sħajjeb cbar ta friefet il-lejl. Dan il guanu jingieb bil bastimenti minn pajjisu għas-suiek ta l'Europa, jinbiegħ bil għoli, u għad li fieħ ucoll doza kauuija ta sustanzi li fihom l'azotu u il putassa, l'izjed li fieħ *fosfati* u għalhecc fieħ forza cbira biex icabbar ix-xtieli u iuassal il frott. Irid jingħata ħafif, għaliex jista jaħrak ix-xtieli bħal ma jgħamel id-demel tat-tjur.

### III. L'Aurina tal Bhejjem.

Issa ngħaddu biex nitchellmu xi ftit mil l'aurina tal bhejjem. Il bdieua collha jgħidulec li l'aurina taħrak ix-xtieli. Dan zgur li takrak! U minn hecc il bdieua imisshom jindunau illi l'aurina hija demel mill'actar kauui u ta setgħa għal cull xorta ta siġar u ghelejjel, u ma għandniex inħalluha tibka sejra u tintilef. Il ħxielef tal markad tal bhejjem isiru demel tajjeb għaliex jixxarrbu bl'aurina u jintleu bis-sustanzi ta l'aurina, jeħmru u isiru demel f'kasir zmien. Imma billi l'art ta l'imkejjel geuua l'irziezet tagħna actarx li ma tcunx magħmula bil concoss u bis-siment, b'hecc jiġri li il cotra il cbira ta l'aurina tinxorob mill'art, tibka niezla u tintilef. Għalhecc fil pajjisi fejn it-trobija ta l'annimali issir bil għakal u bis-sengħa l'art tal makjel igħadduha bl'asfalt jeu bis-siment, u jagħmluha makluba għal giò xi fossa, fejn tinġama l'aurina. Imbagħad jeu jerfgħu din l'aurina minn giol fossa u iroxxuha fuk il ħxielef tal mizbla, jeu jitfgħu giol fossa ħafna ħxielef li mbagħad jerfgħuhom u igħamluhom mizbla biex jeħmru u isiru demel, jeu iġorru dina l'aurina u iziduha ma l'ilma tat-tiskija biex isakku biħa l'ghelejjel. Il fossa trid tcun imbattma jeu micsija bis-siment, biex tcun izzom l'ilma, u trid tcun tad-daks biex tircievi l'aurina collha tal bhejjem li hemm fir-razzett. Biex jarfa l'aurina mil fossa il bidui jista jarma dakxejn ta pompa, u hecc ix-xogħol isir minnghajr tbatija u minnghajr biza ta disgrazji. M'hemx bzonn ngħidu li daun il fosos ta l'aurina icunu jintnu pesta, u għalhecc jagħmluhom bogħod mid-dar fejn jgħammru in-nies, u ucoll xi ftit bogħod mill'istalel tal bhejjem. Ir-riħa tinten ta l'aurina hija gejja mil cotra ta sustanzi bl'azoti li fiha; bħal ma huma l'ammonjaca, composti ammonjacali, amine u oħrajn. Daun is-sustanzi mita jinxorbu mill'art, jiltekgħu mal *microbi nitrificanti* li jinsabu fit-trab, u daun il microbi jakilbu l'ammonjaca u'l composti ammonjacali, u jagħmluhom acidu nitricu, li dlonc jingħakad mal putassa u mal gir li jinsabu fl'art, u jinbidel f'*nitrati*, u bħala nitrati jinxorbu

mill'gheruk u imorru biex jatu l'ghaixien lil ħxejjex u biex iuasslu iz-zaghar u il frott jeu iz-zerriegha.

Minn hecc jidher x'icun kieghed jitlef il bidui mita iħalli li l'aurina tal bhejjem tibka sejra u tintilef, minnghair ma jeħu ħsieb biex jiġborha ghar-raba tieghu. Ghaliex uara collox, l'aurina tal annimali fiha sustanzi m'hux inkas mil ħmieġ taħħom, u fiha l'izjed sustanzi li jisueu il flus, li huma il composti ta l'azotu jeu tal ammonjaca, barra mill putassa u mill fosfati, li huma ucoll sustanzi ta importanza cbira. Ghalhecc jaghmlu uisk seuua dauc li biex ifittex jeħmer il munzell taz-zibel u tat-taħmil ta li stalel, u f'kasir zmien isir demel tajjeb u misjur ghax-xoghol, minn f'loc li isakkuħ jeu ixarrbuħ bl'ilma, ixarrbuħ bl'aurina tal bhejjem. Dauc li iridu juzau l'aurina bħala demel liquidu, biex isakku biha, jaħtieġ jiftacru li l'aurina hija demel kauui, bħal ma hu id-demel tat-tjur, u jecc jatu uisk, jiġri li l'ghelejjel jinħarku u imutu. Hemm bzonn mela li iħaltu l'aurina, ma minn ghaxra sa ghoxrin darba il volum taħħa ta ilma; jigifieri ma cul barmil aurina izidu minn ghaxra sa ghoxrin barmil ilma, kabel ma isakku biha. L'aurina minghair ma hi mizjuda bl'ilma chif ghedna, ma ghandiex tinghata lill'art, ħlief jecc natulha xi ġranet kabel iz-zrieħ, jeu xi xahar kabel it-taħuil, ghalbiex il batterji jeu microbi ta l'art jilħku jircomponu l'ammonjaca u jakilbuha f'acidu nitricu u nitrati, kabel ma l'gheruk jibdeu jaħdmu.

### IV. Il Mizbla.

Issa jaħtieġ nghidu chelmtejn fuk il mizbla, ghaliex haun hu li il bidui taghna l'izjed li jizbalja, u li zball tieghu jisfa f'telf ghal l'uciuħ tar-raba u ghal butu. It-taħmil ta l'imkejjel u ta li stalel jinxeħet ġozz fil bitħa jeu mandra fein jinġama id-demel, u din il bitħa jeu mandra, m'hux biss li ma ghandiex l'art bil concoss jeu bis-siment biex is-sugu tad-demel ma jixtorobx mil l'art, jinħela u jintilef, imma il mandra jeu bitħa tcun kieghda ghall'arja; micxufa ghax-xemx, ghar-riħ, u ghax-xita. Chif ucoll haun bosta bdieua li ghandhom il ghada li iġorru id-demel giol ghalka, jaghmluħ munzell u iħalluħ hemm, xi drabi fl'akkal tas-sajf, ghal xhur sħaħ, kabel ma jitħajru jaghzku u jordmuħ. Id demel li kieghed ghall beraħ, fix-xemx, u fix-xita, tigrilu ħsara cbira, ghaliex jitlef uisk mis-sustanzi li fieh. Jonkos mill piz ghaliex jitlef l'ilma u jinxef, imma ma l'ilma itiru ucoll fl'ajru u jintilfu ħafna mis-sustanzi li fihom l'azoto (ammonjacali). Jigifieri id-demel jitlef dic il parti li l'izied tisua flus! Tasseu li dan it-telf isir l'izjed minn barra u maduar il munzell ghaliex il kalba tieghu tibka tajba, imma it-telf hua dejjem cbir.

Mela jaħtieġ li, (a) leuuelnett il miżbla fil mandra tar-razzett tcun mghottiha biex ix-xemx, ir-riħ, u'x-xita, ma iħarbtux dauc is-sustanzi li semmejna; u (b) imbaghad jaħtieġ ucoll li il bidui ma iġorrx id-demel ghall ghalka ħlief mita icun sejjer jaghżak u jordmu, biex ma iħalliħx ġranet jeu gimghat jixxemmex u jixxaurja, u jitlef mill kauua tieghu.

Ftit huma dauc li jistghu jonfku somma ġmielha biex iħejju mandra seuua fejn jigimghu u isajru id-demel; jigifieri li icollha l'art bil concoss tas-siment, makluba ghal giò fossa imbattma fejn tiscula l'aurina u's-sugu tad-demel, biex imbaghad din l'aurina u's sugu jirtefghu u jinxeħtu fuk il ħxie'ef u iż-żibel frisc biex jeħmru u isiru demel. Targia u tghid, fil pajjis taghna id-demel ftit jiscula sugu ghaliex minnu icun niexef, u rari biex taghmel xita b'tokol ta ilma hecc cbir li ixxarrab il miżbla collha sal kiegħ. Imma chif ghedna, hija ħagia ta bzonn cbir li l'aurina ma tintilifx, u tinġama biex tinghata lir-raba mat-tiskija ta l'ghelejjel jeu biex tintafa fuk il miżbla. Il bakra tax-xoghol actarx li icollha markad cbir ta ħxielef u ghalhecc l'aurina tagħħa jixorbuha il ħxlelef u ma tintilifx. Imma ghal min izomm numru ta bakar tal ħalib, jeu ta barrin ghal laħam, hemm bzonn li icollu din il fossa cbira biz-zejjed, u imbattma biex ma jitlefx l'aurina tal bhejjem tieghu.

Daks chemm jaħtieġ li icun hemm fossa imbattma ghal l'aurina, dakshecc ieħor jaħtieg li il mandra tcun imsakkfa, jeu mghottija m'hux tant ghax-xita (li chif ghedna trid tcnn nisk bil kliel biex forsi taghmel xi ħsara lid-demel), daks chemm ghax-xemx li tnixxef id demel u tisraklu ħafna mis-sustanzi tieghu. Dan is-sakaf biz-zejjed icun

ta ftit tuavel ta li zmizzat, jeu ftit folji kodma tal ħadid galvanizzat, imgiegħed, (*corrugated iron*), jeu ta xi ħagia oħra li tilka u ticser il killa tax-xemx Cannizzata im'ebilca bid duieli jeu bil kargha tuil, ma tcunx tilka ix-xemx biz-zejjed, u bicca missena ma tcun tilka xejn, ghaliex id duieli icunu bla uerak u il kargha icun ghadu ma sarx; imma dejjem aħjar minn xejn, u it tigieġ tar-razzett icollhom ucoll xi ftit taddell uakt il ġranet tal killa tas-sajf. Tajjeb li il mandra tcun imreuħa seuua, imma ma tridx tcun uisk fil beraħ; jigifieri tliet ġnub mal mandra ghandhom icunu mitbukin sas-sakaf, biex ir-riħ ma jibkax ghaddej u jarfa is-sustanzi tad-demel Jecc jista icun, il genb il miftuħ ghandu icun iħares lejn it-tramuntana biex icun dejjem imdellel.

It-taklib tad demel hua ta fejda daks il ħmieġ tieghu. Mita jitkalleb, id-demel jeħmer, isir u irekk; il ħxielef u't-tiben jeħmru u jitfarrcu, u bit-takbil id-demel jitħallat seuua u isir ħagia uaħda. Id-demel ghandu jitkalleb imkar darbtejn kabel ma jinġarr ghal giol ghalka, b'xi gimaghtejn jeu xahar bejn takliba u oħra. Jecc icun niexef iż-żejjed, irid jixxarrab jeu jitnidda bl'ilma, jeu aħjar bl'aurina, biex ifittex jeħmer u isir. Il bidui actarx iħalli it-taklib tad-demel ghal ġranet mita ma icollux xoghol ieħor fir-raba ghaliex dan it-taklib jista isir imkar fix-xita niezla. It-taklib jista isir bl'imghażka, jeu bil forchetta tad-demel, u biħom il bidui ikalleb u igheddes id-demel, u jaghmlu munzell f'rocna tal mandra. Il munzell jeu gozz, ma ghandux icun oghla minn tmintixbar, biex id-demel tal kiegh ma jirtassx uisk b'dac ta suku, u biex l'arja tinfdu minn cullimchien, u hecc jeħmer aħjar minnghajr ma jisħon iz-zejjed, u isir izjed malajr. Id-demel, jecc jeħmer u jisħon uisk, uakt li icun xi ftit niexef, jista jakbad u jeħu in-nar uaħdu u minn munzell demel ma jibkax ħlief kabda rmied. Hruk bħal dan ma tantx narauħ sicuit, ghaliex haun id-demel actarx jitkalleb u jitgheddes mita icun nofsu ħemer u kdiem, u actarx li katt ma icun hecc niexef li jakbad malajr. Id-demel marsus u stagnat fuk il kiegha tal mandra ma tantx jeħmer malajr, u idum zmiem tuil ma isir u ghalhecc irid jitkalleb u jitgheddes biex iħeff, u tinfdu l'arja, u ma jibkax imtajjan jeu miblul iz-zejjed.

### V. Id Demel ghal gio' l'ghalka.

Id-demel misjur u lest, m'ghandux jinġarr ghal giò l'ghalka kabel ma jasal il uakt li jinghazak u jirtaħam. Tara xi bdieua igorru id-demel u jaghmlu mniezel geuua l'ghalka, sa minn Mejju. u iħalluħ hemm is-saif collu, ghax-xemx u ghar-riħ, minnghair ma jaħsbu ghalbiex jordmuħ. Ighiduli, hua f'Mejju jeu f'Giunju hu ta min jaghzak ir-raba? M'hux aħjar dan ix-xoghol isir uara leuuel xita, biex jilħak jitla ir-refghan tal ħaxix ħazin, li mal ghazik jispiccia, u hecc ir-raba jitnaddaf? Dan hua collu minnu. Imma hua minnu ucoll li il bidui ma ghandux iġorr id demel giol ghalka, u imbaghad jerħilu hemm munzell, jixxemmex u jinxef is-sajf collu. Imbaghad jistaghgeb mita isib li id-demel tilef uisk mis-setgha tieghu, u ħeff dakshecc li ftit jiflaħ jaħdem u irabbi l'uciuħ tar raba, u ma leuuel sena jicconsma u jintemm. Il munzell tad-demel fir-raba jinxeff hecc, li jakbad minn xejn. Biz-zejjed jghaddi xi ħatt, u bla cont, jitfa sufarina fuku, biex id demel niexef jakbad u jinħarak il munzell collu kabel mal bidui jinduna li kieghed jakbad. Imma aħna ftit li xein ma nisimghu bi ħruk ta demel, u ghalhecc nergghu nghidu li m'hux il biza to ħruk li jista isir, imma it-telf cbir tas-sustanzi, li isir z ur, hua dac li igieghelna inuissu il bidui biex ma iħallix id-demel ghal ħafna ġranet jinħema fix-xemx u fir-riħ kabel ma jaghzku u jordmu.

### VI. Il Ghazik bid-demel.

Il ghazik bid-demel isir biex l'ghelejjel jicbru u iseħħu; mela dan l'ghazik ghandu isir b'mod li l'ghelejjel isibub malair u igauduħ seuua.

Nibdeu biex nghidu li m'hux f'cull art il ghazik ghandu isir xorta uaħda. Fit-tafli, fil grass u fit-tkil hua tajjeb li tinzel chemm tista, biex l'art tinħadem u tħeff, u l'gheruk jinfduha aħjar, u fis-saif jinfitxu malair ghal fuk it-tira. Dan narauħ seuua f'artijiet fein jaghmlu il-bittieħ ta' Spanja u'l-bittieħ isfar, fein jitrabba il koton u il pastard tal baghli. Imma fil ħamri mrammel u ħafif, jeu fil

ħerbi, jagħmel ħazin, min jordom id-demel fil-fond. Għaliex f'dan ir-raba l'euuel ma tinzara il patata u għelejel li ma jinzlux l'isfel uisk b'għerukhom, u għalhecc jecc id-demel icun fil fond idumu ma jilħkuħ u ix-xitla ma tiġbedx minnu chemm hemm bzonn biex il frott iuassal id-daks li imissu. Mela f'dan ir-raba hafif il banec għandhom jingibdu fil kasir; imbagħd il k eħ tal banc jingħazak jeu jinħarat fil fond biex l'art tinħadem u tinħadem u tinfetaħ, u fl'aħħarnett inxerrdu id-demel u niġbdu il banc l'ieħor. Oħrain jiġbdu il banc fil fond, biex ikalbu l'art, imbagħad igħaddu il kieħ tal banc bis-sicca jeu bil fies u jiġbdu radda trab min fuk u iuittuħ fuk il kieħ tal banc, biex il kieħ jirtafa, kabel ma jferrxu id-demel. B'hecc malli tinbed il patata minnufieħ għerukha isibu ruħħom fuk id-demel, u ix-xitla b'saħħitha u tagħmel chemm imissha. Min irid jagħmel patata fina, "White Elephant" jeu patata oħra tas saif, fuk it-tafli u it-tkil, aħiar ixerred id-demel fil uicc, imbgħad jakilbu taħt bil moħriet jeu bil fies, biex jibka maduar l'għeruk tax-xitla malli tiġi biex tbid. Katt ma għandu jixxerred demel fil uicc actar milli jista jingħazak u jirtadam ma tul dac in-nofs ta nhar, biex ma jinħatafx bix-xemx u bir-riħ.

Għat-tixrid fil uiċċ id-demel irid icun izjed misjur u irkik, min dac li iservi għal għazik bil banec, biex jinħadem aħjar u biex ma jeħmerx uisk uakt in-nebbiet taz-zerrigħa. Dana ngħiduħ għal cull uiċċ u għal cull zrieħ imma l'izjed għaz-zrieħ tal patata tar-rebbiegħa jeu tas-saif, fuk uiċċ ta patata tax-xitua, u fuk uiċċ ieħor li ma laħakx chidd l'art uisk, uara li ngħazket bil banec.

Id demel hua għoli, u min irid jixtrieħ iħossha tkila jonfok chemxa ġmielha, imma bla demel ma jagħmel xejn. Għalhecc igħid il bidui li ir-raba ma jgħoddx għal min ma għandux annimali, għaliex m'hux biss jitmaħħom ħxejjex u xi prodotti tar-raba li chiecu chienu jintilfu jeu jimbigħu bir-rħis, imma ucoll għaliex ir-raba jitlob id-demel, u min irabbi l'annimali actarx li icun jista ilakkat u jiġbor id-demel li icoilu bzonn.

### VII. It-Tidmil bl'aħdar.

Fl'aħħarnett jixrak li ngħidu xi ħagia fuk it-tidmil bl'aħdar, dac li it-Taljani jgħidulu *sovescio*, u l'Inglizi jgħidulu *Green-manuring*. Dan it-tidmil hua uzat uisk f'bosta pajjisi imma haun Malta ma nuzauħ katt. Jecc ma irridux ngħidu li mita nagħzku bil banec u nakilbu il ħaxix ħazin fuk il kieħ tal banc, mad demel, incunu bħallichiecu kegħdin indemmlu bl'aħdar. Imma dan it tidmil bl'aħdar hua tajjeb uisk għas-sigiar tal frott, u l'izjed għad-duieli, għal agrumi, u għas-sigiar tal ħalib, basta isir fil uakt tiegħu, jigifieri f'Jannar u Frar, jeu dħul Marzu. Icun tajjeb ucoll għal klib tar raba, għar-rebbiegħa fil bicri, f'daun ix-xhur li semmejna, mita nigiu biex lnħejju l'art għaz-zrieħ tal bħajra, tal kargħa bagħli, tat-tadam u tal koton; chif ucoll għall għelejjel tas-sakui, bħal ma huma il kargħa aħmar, il patata tas saif u oħrajn.

Biex it tidmil bl'aħdar isir chif titlob is-sengħa, trid tibda biex għal ħarifa (Settembru-Ottubru), ixxerred fuk ir-raba li trid id-demmel, xi ftit superfosfati jeu "plutofos", jeu "slag", jeu xi demel ieħor chimicu (fertilizzant), li icun fieħ il fosforu, u biz-zejjed tuza minn sitt uizniet sa tmienja għal cull tomna raba; u magħħom ixxerred ucoll min tlieta sa erba uizniet ta xi melħ (fertilizzant) li fieħ il putassa bħal ma hu il clorur tal putassa, jeu il "kainit" jeu "is-silvinit"; li insibu fil cummerċ. Jecc ma insibux nixtru minn dan il melħ tal putassa, nistgħu ngħamlu uzu mir-rmied tal ħatab, tal ħxielef, jeu tal faħam tal cannol. Dan l'irmied fieħ ħafna putassa (li minnha issir il lissija), u ma nafx għaliex xi uħud imorru jarmuħ giol uidien, fil uakt li hu demel mill'aħiar għas-sigiar u għal l'uciuħ tar-raba, u l'izjed għal duieli u għal patata.

Uara li ixerrdu seuua is-superfosfati u il putassa ma uiċċ ir-raba jizirgħu iz-zara li irid isir demel aħdar. Dan iz-zara irid icun uaħda mil legumi jeu ħaxix tal imzieuet, bħal ma huma il gilbiena bajda, il gilbiena seuda, il piselli, il piselli salvaggia, il ful ta Girba, il uidna, in-nifel u it-treu salvagg, iz-zofsta, l'għazz u legumi oħra. Dan iz-zrieħ jista isir bil bejta, jeu bir-radda, jeu bit-tixrid bħal ma jinzara il kamħ u is-silla imma aħjar isir bil bejta jeu bir-radda. Maz-zara inħallu jitla il ħaxix ħazin collu li irid, u mita iz-zora jibda jizhar, minnufieħ nakilbuħ

taħt bil banec, jeu naghzkuħ fil fond, lilu u il ħaxix ħazin collu li icun tala mieghu, u inkisu li nghattuħ seuua bit-trab biex ifittex jifga u jitherra. Dan iz-zara icun giabar ftit mil fosfati u mil putassa li tajna lill art. u billi jirtadam u jitherra, flimchien mal ħaxix ħazin, jarga nodd lil l'art dac collu li rada minnha, u iroddilha ucoll is-sustanzi li gibed mill'ajru, l'actar imbaghad dauc is-sustanzi ta l'azotu, li gibidhom mill-l'ajru u ħazinhom f'gheruku; u ghalhecc it-tidmil bl'aħdar maghmul chif ghedna, hua tajjeb ghas sigiar u ghal ghelejjel, daks it-tidmil bl'aħjar deiiel ta li stalla. "Il bidui jghidlec li dan it-tidmil bl'aħdar ma tantx jakbel ghar-raba taghna, ghaliex sachemm jinzara u jitrabba u jizhar iz-zara tat-tidmil, il bidui jiħak jeħu uiċċ ieħor, nghidu aħna xi uiċċ tal furrajna, jeu silla ghal l'aħdar, jeu ghelej el oħra, ghad li b'hecc icun kieghed jeħu u m'hux izid il-as-sustanzi tar-raba. Imma it-tidmil aħdar jaghmel gid uisk fl'art, l'izjed chif ghedna ghat-tidmil tad-duieli u ta sigiar tal frott.

Tisma il bidui jghidlec li uara uiċċ tal ful, jeu tal piselli, jeu tal gilbiena, jeu tas-silla jeu ta legumi oħra, ir-raba icollu l'aħjar neuba ghal kamħ. Ighidlec ucoll li il ful, fejn ma jimradx bil budebbus, hua uiċċ collu ghall bidui ghaliex cull ma fiħ ghal bidui, ful u faxxina, u l'gheruk iħallu l'art ħelua ghal uiċċ tal kamħ. Dana hua gej min dauc it-tubercli li bħal leulu irkik, tond jeu tauuali, narauħ imkabbad mal gheruk ta daun il legumi li semmejna. Daun it-tubercli jeu zirmiet irkak huma maghmulin minn microbi (Rhizobium legumi nosarium) li ighix fuk l'gheruk tal legumi, u mhux li ma jaghmilx ħsara, imma jaghmel gid cbir, ghaliex jiġbed l'azotu mil l'arja u jibdlu f'sustanzi ta fejda cbira ghax-xitla Minghair dauc it-tubercli ix-xitla tal legumi ma tagh-milx mzieuet u ma timliex iz-zerriegha. Minn hecc jidher li iz-zara ll nizirghu ghat-tidmil bl'aħdar, irid icun xi uieħed mil legumi li semmejna, u li jaħtieġ li l'ghazik isir uakt li iz-zara icun biz-zahar biex l'azotu li jinġama f'gheruku ma jilħakx jicconsma ħafna minnu biex iz-zerriegha timla fil mizuet taħħa.

---


# Tasseu !... Tasseu hagia sabieha !

Li bniedem icollu biex jghaddi iz-zmien m'hux biss hi hagia meħtieġa izda ucoll bzoniuza ghas-saħħa. Uara li bniedem jigi mix-xoghol tieghu jinħtieġlu b'xi mod jiddeverti ftit ruhu, dina hagia li jafa culħatt, izda it-tfixchil hù li uieħec icun ghajjen u m'hux dejjem icollu aptit joħrog mid-dar.

Chemm chienet tcun hagia sabieħa, chiecu uieħed chien jista igib teatru id-dar u jghokod jisma l'isbaħ operi, operetti, musica u ħuejjeg hecc? Chienet tcun hagia tas-seu sabieħa. Dan il-lum jista isir, u isir aħjar milli icolloc teatru id-dar, ghax actar onest. Inti tista icolloc Radio u hecc paxxut *gio darec stess*, imdauuar mil famiglia tgħokod tisma l'isbaħ operi min Parigi, Londra, Berlin, Ruma, Milan, Napoli, Budapest, Vienna u l'akua bliet ta l'Europa. Hagia tas-seu sabieħa, u ħagia uisk ħafifa li icolloc. Ghasal uasla ghand "**Radio Lyre 207 Prince of Wales Rd. Sliema**" u hemm hù informazioni collha. Mur ara—ithol staksi—*m'hemmx bzonn tixtri.*




Nirringraziau b'kalbna collha li Commendatur Alf. M. Galea ghal 4 cotba tas-seu sbieħ li ghoġbu jibghatilna. Is-sur Fons ghamel uisq gid lil pajisna u Lsien Malti b'daun il cotba tasseu sbieħ. Cont ghadni ta 6 snin-u-nofs mita tħajjart nibda nakra bil-lsienna, u l'euuel ctieb li krait chien uieħed min tal "Mghodija Taz-zmien" li taħt it-trigija tas-sur Fons damu joħorġiu ghal bosta zmien. Cull cap ta familja ghandu jxtri u jati f'idejn uliedu min daun il cotba li k'ed joħroġ is-sur Fons. L'imħabba lejn il cotba – lejn il cotba tajba – izzomm il bniedem fit-triek it-taiba, u sgur li m'hemmx fiex tkatta sigha aħjar mil kari ta cotba bħal daun.

Il cotba l'is-sur Fons bghatilna jisimhom:

*X'jghid il Malti jeu l'Gherf bla Mictub* jisua 1s. *Ecclesiastes* (Ctieb il Hsibijet ta Kiehel) u ctieb il gherf, jisua 1s. *Ruħ ta Tfajjel* Guidu ta Fontgalland. Jisua 3d. *Ecclesiasticus* (Ctieb il gherf ta Giezu bin Sirac) u *L'Ghanja tal Ghaniet* (ta Salamun) Jisua 1s.6d.

Ixtruhom u ma jibdilcomx.

Prosit lis-Sur Fons.

***

Uasal iz-zmien li uieħed jokghod attent mill'ictar insett li ixerred mard, li jekred ħafna nies – id-dubbien u in-nemus. In-nies tad-dinja collha ghamlu "guerra kalila" lil daun l'insetti nghamlu bħalhom. X'ghandna nghamlu?

1. INZOMMU L'INDAFA, ma nħallux fl'art jeu fuk muejjed frac ta ichel, kxur ta frott u ħuejjeġ oħra li jiġbru id-dubbien.

2. Bieghed iz-zibel u ghattieħ bit-trab, eħles minnhu mid-dar mill'actar fis li tista.

3. Id-disinfetta spiss.

4. Bixx bix-SHELL-MORTOL jinbieħ min *Degiorgio & Azzopardi, 225, Sda. Mercanti il Belt.*

5. Xerred f'ħogior it-tuieki il ESA CHAMPION ANT AND INSECTS KILLER (trab għan-nemel u insetti) jinxtara min ghand *Bugeja, 25 Sda. Forni, il Belt.*

***

Nircievu bosta ittri jitolbu numri min ta l'ura tal BIDUI. Il karreja taghna huma avzati li numri ta l'ura ma jintbghatux, u ghaldakshecc jinsabu mitluba li ma jixtħux IL BIDUI fejn gie, gie. Aħna ma nistghux nistampau eluf ta copji izjed biex min jitilfu incunu nistghu intuħ copja oħra. Biex nevitau dan, aħna costretti ngheidu li copji ta l'ura jitbghatu biss mita, min jicteb ghalihom, *jghalak 3 soldi bolli ghal cul copia li irid.*

***

Nirringrazziau lil ħbieb taghna li chitbulna fuk ir-risultati tasseu sbieħ li ħadu mill'uzu tan-NITRAT TAS-SODA TAC-CHILI'. Aħna jiddispiacina li ma nistghux nippublicau ittri min din ix-xorta taħt isem immaginariu (nom-de-plume). L'ittri nippublicauhom bil kalb, jecc min jibghathom jippermettielna ingibu ismu u fejn jokghod.

Culħatt jaf chemm hi meħtieġa ghalina il Maltin, l'Emigrazioni; u bosta drabi chelna l'opportunità li insemmu f'dan il periodicu, chemm ħadem is-sur Henry Casolani biex ikieghed il Maltin fl'aħjar pajjisi ad-dattati ghal classi ta Emigrant li icun Ghax-xoghol li b'tant ħila u ghakal is-sur Casolani dejjem ghamel, ir-Re taghna ghoġbu itieħ l'unur I.S.O. Aħna nifirħulu bil kalb u maghna jifiħulu il bdieua collha ghax minnhu *ħadu u ghad jeħdu gid cbir.*

*
* *

Ta min ifaħħar u jirriccmanda il qualità u xoghol tal ħelu li keda taghmel id-ditta C. CAMILLERI & SONS, ta Sda. Mercanti ħdejn is-suk. Is-Sinjuri Camilleri hi ditta mill'izied antica, u teseguixxi xoghol ta ħelu bi scruplu u indafa cbira li m'hux biss acquistat fama u tifħir mil Maltin, imma ucoll Certificati min pajjisi oħra cbar. Prosit l'is-Sinjuri Camilleri.

B'dispiacir cbir inħabbru il meut ta

## PIETRU BORG

fl'eta zghazuha ta 39 sena li ghadda ghad-dinja l'oħra fis-27 ta Giunju 1928, ħalla uaraiħ il martu u 2 uliedu ifittxu ghalxejn dauc il carezzi ta veru missier.

Il ħabib taghna Pietru chien giardinar fil giorna Sant'Anton; uisk maħbub min cull min chien jafu, ragel li dejjem ghamel il gid il proxxmu tighu.

Bdieua, giardinari u delettanti itolbu ghar ruħ tal ħabib taghcom Pietru

*Alla jatiħ il mistrieħ ta dejjem.*

## Chif u chemm tghati NITRAT TAS-SODA TAC CHILI

PATATA

Min 3 sa 5 uiżniet Nitrat tas-Soda cull tomna raba tliet tijem uara iz-zrieħ min 3 sa ħames uieznet oħra kabel l'inkix.

— —

IL KAMH U MAHLUT.

Min 4 sa 6 uizniet Nitrat tas-Soda cull tomna raba uara li jinbet u kabel ma jit-ghadda bix-xatba jeu jitnakka bil-lexxuna. In-Nitrat tas-Soda hù uisk meħtieġ ghal kamħ.

IX-XGHIR.

Min 3 sa 4 uizniet Nitrat tas-Soda cull tomna raba' chif fissirna ghal kamħ.

IL KAMHIRRUM.

Uizintejn Nitrat tas Soda maż-zrieħ, 3 uizniet oħra ma l-mghodija.

IL-FUL, U'LEGUMI COLLHA.

3 uizniet Nitrat tas-Soda cull tomna raba ma l'euuel mgħodija.

BASAL, PITRAVI, ZUNNARIJA, NEVEU, U GHERUK OHRA.

5 Uizniet Nitrat tas-Soda cull tomna raba ma l-mghodija.

KAKOCC

Min 3 sa 5 uizniet cull tomna mita icun ghadu zgheir.

CABOCCI, HASS, INDIVIA, SPINACI, GIDRA, BRUSSELS-SPROUTS, PASTARD U IL GHELEJJEL OHRA TAS-SAKUI.

Daun jigiu uisk il kuddiem mita jissakkeu b'in-Nitrat tas-Soda xi ftit granet uara li jinbtu—2 mgharef Nitrat f'cull landa tal pitroliu imbghad ghati uara l'euuel xita, jeu ma l'inkix 5 uizniet Nitrat tas Soda cull tomna raba, u ergia ghati xi 3 uizniet oħra xahar uara.

### Tuffieh tadam.

2 imgharef f'cull landa tal pitroliu ma l'ilma, issakki bieħ meta tcun ix-xitla gholia 4 pulzieri mill'art. Ergia sakki bl-stess dosa gimgha uara. Dan ilaħħak ix-xitla bicri. Malli il pianta tibda tghakkad il frott ergia sakki bli stess dosa, giex imgħaref f'cull landa tal pitroliu, darba cull żmien tijem ghal tliet gimghat jeu xahar.

### Kara tuil.

Nofs ukija Nitrat tas-Soda f'cull gallun ilma darba fil gimgha, malli jibda jifforma il kargha.

### Id-Duili

F'Jannar ghati ma duar cull sigra, daks pied boghod miz-zocc, mimli zeug imgħaref Nitrat tas Soda, ergia ghati li stess dosa ghal ħabta ta Marzu sakki cull darba uara in-Nitrat jech ma tghamilx xita.

### Laring, Lumi, Mandurina u sigiar ohra tal Agrumi.

Ghal daun in-Nitrat tas-Soda hu meħtieġ uisk. Daun ghandhom jigu mghotija nofs-ratal ghal cull siġra fil conca mat-tiskija, *cull sena*. Siġar zghar ħafna jeu taħuil ġdid iridu inkas.

### Il Banana.

L'aħjar risultati it-tieħdu mita intgħata 4 imgharef Nitrat tas-Soda cull xahar-ejn, jeu 2 imgħaref cull xahar.

### Sigiar tal frott irkiek.

Fi ħruġ ix-xitua, kabel mas-sigiar iraħħsu jeu jizgharu ratlejn Nitrat tas-Soda f'sieħ raba. Id-doza ghall cull siġra tid-dependi mid-daks, post u qualità ta siġra li tcun.

## ID-DUDA KOTNIJA TAT-TUFFIEH.

(Eriosoma lanigerum. Hausm.)
Bl'Inglis American blight
Bit-taljan Peste del pomario.
Mill'Ufficciu ta l'Agricoltura.

Id-duda kotnija taghmel ħafna ħsara lis-siġar tat-tuffieħ ta Billudja billi ma tul is-sajf ticsi il frieghi taħħom chif ucoll iz zocc u l'eghruk tal niċċ b'ħafna tajjar tax-xemgha fein taħtu tgħammar u tbid. Barra min dan, id-duda ittakkab il koxra tas-siġra b'munkara sabiex tarda il merak mil ħatab, u cull fejn tnigghes taghmel bħal ħotob li bin numru cbir taħħom icherrhu il frieghi u jhassrulhom surithom mhux ftit. Meta il marda tidhol il genua senua, u dan jiġri f'xi tlieta jeu erba' snin, ir-raħs jibda jitla maghlub u scars, jibka kasir u ma jaghmilx frott, u is-siġra tibka tghocos sachemm issir gozz ħatab niexef. Bosta drabi il feriti maghmula mill'insett fuk l eghruk icunù cagiun li il ħatab jixpacca u is-siġra timtess ucoll b'certu fungu (tinuir) (*Nectria ditissima*), maghruf fostna bl'isem ta "velenu tal frott irkik", ghalchemm dan il fungu imiss ictarx is-sigiar collha u mhux biss dauc tal frott irkik. Meta is-sigra timrad b'din il marda ma tcampax actar minn ftit gimghat,

Id-duda kotnija toctor b'mod li tghaġġeb, u ma leuuel ġranet tas-shana tas-saif il frieħ izeghdu is sigiar morda. Bħal l'afidi l'oħra ghandha ghamla bil ġuienaħ u ghamla bla ġuienaħ u titnissel għal zmien tuil bil process tal "parthenogenesis" jigifieri in-nisa icomplu iuieldu minghair ir-rgiel u iuieldu nisa biss.

Fl'Inghilterra, fl'America ta Fuk u f'pajjisi oħra fejn din id-duda taghmel ħafna ħsara insab illi fis-saif id-duda ghal fuk is-sigiar ta l'ulmu American fejn tfakkas baid li minnu johorgiu ir-rgiel u in-nisa. Fuk daun is-sigiar fil bidu tar-rebbiegha tifforma fosdka jeu "galla", billi tniġġes ir-rimja li malajr tibda tintefaħ u tibka ticber sa issir daks genza u xi dakkiet acbar ucoll. F'daun il fosdok id-duda tghammar u toctor sabiex uara tergia tmur tcompli il ħsara taħħa fuk is siġar tat tuffieħ.

Fil gzejjer taghna ghalchem ma haunx siġar ta l'ulmu American actarx li din id-duda taghmel li stess, billi is sigiar ta l'ulmu irabbu dan il fosdok li hua xorta oħra mil fosdok ta l'afidi proprja tas-siġar ta l'ulmu. B'dana collu minn studji maghmula fl'Italia u fii Stati Uniti jidher biċ-ċar li din id-duda m' ghandiex bzonn tghaddi minn post ghal ieħor biex tibka

titnissel. Ma dhul ix-xitua dan l'afidi ihalli is-sigra li icun ighammar fukha, billi jinzel maz-zocc, jilhak l'eghruk u jistahba fil hamrija, mneju j rga johrog biex icompli il hsara tighu ma dhul is-sajf.

Id-duda kotnija ghanda hafna ghedeuua. Fosthom l'actar importanti huma dubbiena irkika, *l'Aphelinus mali,* li tbid geuua il gisem tad-duda u iz-zebbellica jen cola seuda hoxna ta zeuġ ticchi homor *l'Exochomus quadripustulatus;* izda ghalchemm daun iz-zeuġ insetti jaghmlu bosta gid, s'issa la uiehed u l'ankas l'iehor ma ureu li ghandhom il hila izommu il marda seuua.

L'ahhar hagia hia li uiehed jaghmel trattament dirett b'sostanzi chimici sabiex joktol l'insett, jeu ghall'inkas ifixchel innisel tighu. Dan ix-xoghol ghandu isir fix-xitua ghal habta ta Dicembru, meta is sigar tat-tuffieh ta Billudja icunu imnezzgha mill uerak, sabiex ma issirx hsara fir-rahs li permanganat tal putassa mahlul fl'ilma 2 fil-1000 u mibxux darbtejn b'gimaghtein zmien minn bexxa ghal ohra jati risultati uisk tajba. Ghal l'eghruk l'ahhar hagia hia li uara li uiehed jicsifhom ixerred fukhom ftit trab u zcuc hziena tat-tabacc u uara jghatti collox bil hamrija. Trattament ehfef icun jecc uiehed ibixx tant iz-zcuc chemm l'eghruk b'soluzioni tal putassa solforata (fuied tal cubrit) mhux actar kauuija minn 5 fil-1000, izda il fuied tal cubrit hua actarx ghali u mhux deijem jakbel li uiehed juzah.

P. BORG.

---

## L'INSETTI TAL PRODOTTI.

Sa min zmien tuil il bdieua u giardinari sabu ruhhom imhabta min quantità ta dud zgheir imsejjah "afidi" li huma iseihulu *berghout* li jingiabar taht il uerak tas sigiar tal frott u ta l'ghelejjel u lilhom igherbeb, u mita imiss il uerak seuua, jigbor quantità cbira ta nemel. In-nemel ma icunx, bhal ma jahsbu bosta bdieua, jecol lil dauc l'insetti izda igiorr il hmieġ tahhom li icun helu daks l'ghasel. Il biccia il cbira tas sigiar li jigiu minsusa min dan il mishut insett li joctor malair b'eluf cbar, jintess ucoll bil marda tal moffa li tibda ucoll min taht il uerak. Ghal dan l'insett jinhtieġ nahsbu emieni, jecc inhalluh joctor il hsara li jghamel tcun cbira uisk, u billi igherbeb il uerka ma tcunx hagia hafifa li uiehed jilhku bil bexx. Haun flixchen ta medicina ta sahha cbira jisimhom "Esa Champion Insecticide" li m'hux biss joktol dan l'insett u insetti ohra min fuk is-sigiar jeu ghelejjel izda ucoll jekred u jilka il marda tal moffa. Dan jinxtara min ghand Bugeja 25 Sda. Forni il belt, xelin il flixchun. Mill'istess hanut is-sibu ucoll ghal beih flixchen ohra "Esa Champion Mildew Eradicator" tajjeb uisk ghad-duieh floc il cubrit ictar economicu u uisk ahjar mil cubrit. Jintuza ucoll contra il moffa fuk cull xorta ta ghelejjel u sigiar tal frott, specialment ghal mell abiad tal bhaira.

Biex issalva l'ghelejjel tighec flixchun min cull uiehed min daun hù mehtieġ u ghandec iz-zommhom dejjem id dar.

Daun iz-zeuġ xorta ta medicini huma uisk mehtieġa, u'llum li ix-xienza sabet hueġeġ hecc utili ghal bdieua u *irhàs,* cull min ghandu raba jeu gionna ghandu jipprofitta ruhu billi jilka dac il mard li soltu jekred cull xorta ta xitel, ghelejjel, frott u pianti tal ksari.

Biccia ohra li id-dejjak lil bdieua, chif ucoll lil giardinari u delettanti hì iddehera tan-NEMEL f'dan li stagiun, li, jecc uiehed ma jekerdux jispiccia biex ma incunux nistghou nizirghu u niccultivau xejn la fil gionna u l'ankas fir raba. Ghal dan illum haun trab tajjeb hafna, li jekred in-nemel fil pront, u mita troxx fuk innemel biccia minnhom billi ma imutux fil pront, jigru ghal beita tahhom, iciapsu nemel ohra, u hecc numru cbir minnhom jinkered. Dan it-trab ucoll jinbieh min 25 Sda. Forni il belt, fejn ghal cunvinjenza u'l bzonn tal bdieua u delettanti jinstab ucoll *Fuied tal Cubrit,* qualità speciali.

---




Peppi u Toni

—

T. – Pepp.... Pepp........
P,—Ara Toni.... X'ghanna Ton?
T.—Fein int seijer Pepp chemm int al-jenat?
P.—Cont sejjer ftit il fuk, imma la intkaina nghokodu ftit haunecc nithadtu.
T.—Pepp. Jen ghajjattlec ghax billi il bierah stakseitni xi hagia fuk il Pitravi tal bakar u cont mghaggel ridt ngheidlec illum.
P. - Seuua uisk, Ton. Li ridt naf jen hu, x'inhu "Il Pitravi tal Bakar" li spiss nismahhom isemmu. Il Pitravi ma jakbilx li uiehed jitmahha lil bakar, Ton, ectar jakbel tressaka fis-suk.
T.—Il pitravi li nieclu u'l pitravi tal bakar m'humiex xorta uahda, Pepp. Il pitravi tal bakar hua gherk cbir, u jati sustanza hafna.
P.—Allura gheidli x'inhu seuua.
T. - Il pitravi tal bakar hi ghammiela hafna u tati mghalef tajjeb, u ghalic Ton, li ghandec hafna bakar u dejjem dghergher li ma jahilbux uisk jakbillec hafna li tghamel ftit minnhom.
P. - Il biccia hi Ton, jirrendix li uiehed jghamel minnhom.
T.—Cull bidui ghakli li irabbi il bhejjem jahseb l'euuel hagia biex icollu uciuh ta mghalef l'izied ghammiela, u ghal dan m'hemmx ahjar mil pitravi tal bakar.
P.—Trid xejn pacenzia Ton?
T.—Fid-dinja collox jitlob ix-xoghol tighu Pepp. Il pitravi tal bakar trid tizzera fi trab tajjeb u mahdum seuua u ma imchiddċ minn prodotti ohra.
P.—Nitrat tas-soda irid Ton?
T.—Altru iridux, Pepp. Jinhtieġu.
P.—Allura chemm tati.
T. – Tati 2 uizniet cull tomna maz zrieh jeu malli jinbet, u tati min $2\frac{1}{2}$ sa 3 uizniet ohra ma' moghdi'a, u targia tati minnu 2 uizniet ohra 2 jeu 3 gimghat uara.
P.—Nipprova ftit zgur, Ton. Uiċċ bhal dan ta min jghamlu.
T.—Min ghandu il bhejjem jakbillu zgur.
P.—Haġ'ohra ridt nistaksic, Ton: din is-sena id-duieli imtessu uisk bil moffa fuk il uerak, taf xejn xi rimediu?
T. Il moffa li ked issemmi int hi gejja min fungu (*Oidium*) li jghamel hsara m'hux biss lil uerak izda ucoll lill ghenieked. L'ahjar hagia ghal dan hu li tati cubrit *tajjeb* fin. Dan iz-zmien haun flixchen "*Mildew Eradicator*" li hu uisk ahjar mil cubrit, jinxtara min ghand Bugeja 25 Sda. Forni, il Belt. Ictar economicu u ictar effettiv ghaliex il uerak jinhasel uisk ahjar bieh.
P.—Tahseb li ahjar mil cubrit?
T.– Ippruvah u tara chif uisk ahjar, jilka ucoll mard ihor tad-duieli.
P.—Sahha. Grazzi hafna Ton.
T.—Bonsuà Pepp. M'hemm imniex.

—

## TRUF TA GHERF.

—

Gisimna huma gionna, u hsibijetna huma il giardinara tahhom.

Ragel gharef jeu b'sahtu chellu l'gherf u is-sahha mghotija lilu m'hux biex jahkar lid-debboli u njurant, izda biex jgheinu u jghallmu.

Li tara hazin hu ghar mill'ghama u tit-chellem hagia b'ohra hu uisk aghar mil muta.

L'aghar trux hu dac li ma iridx jisma.

Li tghamel ġid lil proxxmu tieghec hua dmir.

Biex tirnexxi f'din id-dinja ma jinhtieġlec xejn izied hlief li tghamel dac li tista, tgha-

mel tajjeb dac li tista tghamel, minghair ma tfittex fama.

L'ictar bniedem li jibka l'ura fid-dinja hu dac li jahseb li jaf bizzejjed.

Il bniedem li jgheix fis-seuua u ma jibza min xein hu kauui daks dac il bniedem li minnhu jibza culhatt.

L'ictar bniedem generus hu dac li jaghmel favur u uara li jghamlu jinsieh ghal collox.

---

## Il Kaddis Bidui
## SANT'ISIDORU

il hajja tighu u ftit chliem, migjuba mill Can Dun Vincenz Vella A.T.,S.T.B.
*iddedicata lis-Sur C. Zammit Marmarà*
Direttur ta dan il mehtieġ kari "il Bidui"
(It-tielet biċċa)

—

Il mara tighu chienet ruh tas-Sema, hsieba chien biss fil hueijeġ tas-sema, u fil giċ ta zeuga. Imma ilsien ta xi nies, hua uisk hażin, bdeu ikassu fuka, u ghauueu lil zeugia kalulu li hia impacicata ma xi rahhala ta Xamara. Hua chien jaf bizzejjed x'mara ghandu, anġlu ghal purità tahha, dejjem gelusa ghall'unur tahha, u katt ma chelu x'igheid mahha chien izomma bhala kaddisa, u mera tal virtù. Din il hagia chienet ghalieh xena cbira, u inquietatu m'hux ftit. Id-demonju compla il biccia, xbia ta rahhal u imbicchi, u coufus, kallu il hagia, seuua seu chif kalulu ir-rahhala l'ohra, u pengihelu vera mara hazina, tad-dnub.

Isidoru ried jara u josserva il hagia b'ghajnejh stess, ghalhecc bil mohbi telak, ghall Caraquiz, u stahbiela uara hajt mnein solitu chienet tghaddi. Uara ftit lemahha gejja b'flixcun taz-zejt, u b'lampa tixghel.

Sabiex tghaddi ghal kuddiem il Madonna chella taksam xmara, u billi chienet imfauura u silċ ma cullimchien, hatt ma sata ighaddi, inkas martu, però din xein ma id-deiket, ghamlet is-sinial tas-salib fuk ix-xmara, u din saret kaui bhal terra ferma, u ghaddiet chif Eliseu, ghadda fuk il mantel ta S. Elia. Din prova kauuija tal kdusia tahha. Ghalhecc Isidoru, collu hieni u ferhan irringrazzia l'Alla, li giaghlu jara b'ghainejh stess il kdusia ta Martu, telak ghal Madri, u martu bakghet taghmel id-devozioni tahha versu Maria Santissima.

Darba uahda daun iz-zeuġ eruieh kaddisa, chienu ghaddejin min fuk din ix-xmara, dehritilhom Matruna ta ġmiel tas-Sema, u billi ix-xmara chienet imfauura, mexxiethom, u uasslithom kauuijin u shah. Tistghu tahsbu, min chienet din il Matruna? Chienet il Madonna stess, li riedet thallashom, ta dic il cbira devozioni, u il hrara li ghandhom versu lejha. billi dehritilhom, li accompagnathom sa fuk ix-xmara collha. Isidoru allura fl'imchien ma martu intefghu gharcubteihom jirringrazziau l'Alla u il Madonna, min dan ir-rigal hecc sabieh li taghtom, u ma tax uiden izied tal ghaidut hazin tan-nies. Però il calunnji ma naksux u giurnata actar mill'ohra, chibru, imma Isidoru gharcubteih kuddiem Gesù imsallab jibchi u jitlob ghal-l'ghedeuua tahhom, u bhala consolatur l'actar helu jitolbu sabiex jiccosulah, u juri bic ciar l'innocenza ta martu. Giurnata uahda fil uakt li Isidoru chien kuddiem Gesù Crocifiss, dan chelmu u kallu sabiex imur f'Cavaquix sabiex jaghraf seuua l'innocenza ta martu.

Isidoru obda u mar f'dan il pajis, u hemm giabar bosta rahhala, u fl'imchien marru fein ix-xmara, fein rau il miracoli li bla heda chienet tghamel il mahbuba martu.

Allura daun ir-rahhala, mistaghgbin b'dac li rau, fahhru u illodau l'Alla ta Israel, li permezz ta Maria ta Cabeza mart Isidoru, ghoġbu ighamel daun l'ghegiubiet, u hecc dehret ciara l'innocenza tahha,

Il curuna ta l'isbah fiur, il gigliu l'actar abiad, il fiur ta l'isbah culur, chienu già lesti sabiex jiffurmau l'isbah curuna, u jitkeghedu fuk ir-ras ta Isidoru, frott ta dac ix-xoghol collu li chien hadem, ta dac it-talb u l'orazioni li chien ghamel,

bħala veru ħaddiem fl'oksma t'Alla, is-saif biex jaħsad, u jiġbor il frott tal għarak tighu. Cioè uaslet il giurnata tal meut tighu. Għalhecc ingiabar fieħ imnifsu. l'Anġli tas-Sema fl'imcħien ma Maria Sultana taħħom ta siquit jigiu izuruħ, u iħabbruħ il jum tal meut tieghu. Għalech hua ircieva b'devozioni l'actar cbira l'imkaddsin Sagramenti, u daħal fl'agonija tal meut. U heccu chollu ħleuua, u daħcani, jitlob l'Alla li ifittex idaħħlu fis-Saltna tighu. Cont tistaghgeb mita tara dan il Bidui kaddis, fis-sena tighu bla scola tghallem, gharaf uasal f'dan i grad hecc cbir ta kdusija.

Tghalmu immela minnhu inthom il bdieua, kaddsu ix-xoghol taghcom, sofru collox bil pacenzia, ħallicom mit tghemghim, arau lil Isidoru taghcom, chif gharaf isir kaddis cbir, u fis-Sema kieghed jitlob ghalicom. Il meut tighu chienet ġrat fit-28 ta Novembru 973.

Martu Maria, damet ħaija uraiħ, ħames snin sħaħ, ticber dejjem u tghaddi il kuddiem fil kdusia, uara ħaija ta veru Angelu, marret tissieħeb mighu fis-sema.

Isidoru difnuħ fic-Cimiteru ta San Andrea f'Madrid, fein dam ghal 40 sena, imuarrab u min cullħatt minsi.

Darba uaħda Isidoru deher lil uieħed ħabib tighu, u kallu, li Alla icmandaħ biex jidirlu, sabiex hua javza lis-Sacerdoti ta Sant'Andrea, sabiex jeħdu il ġisem tighu, u ikeghduħ giol Cnisia, għaliex din hia il volontà t'Alla, tesor min din il fatta ma iridux izied jibka taħt it trab u permezz tighu ghad isiru ghegiubiet cbar geuua Madrid.

Izda dan il ħabib tighu, baza jirrivela din il visioni li chellu, zamm collox fis schiet. Peró il kaddis ħalsu, ghaliex uara ftit uaka marid.

Isidoru ragia mil ġdid nebbaħ lil uaħda signura min Madrid, u kalla x'inhia il volontà t'Alla, u ix-xeuka tighu. Dan bia biza ta xein kalet collox lill'Iskof u lil kassisin, u daun kghadu ghal cliem taħħa ħasbu sabiex bl'acbar pompa jghamlu din it-translazioni. Mita fethu il kabar ħarget minnu fuieħa ħelua ta l'actar fiuri, u ġismu chien sħieħ u bla imtiefes, fli stess ħin il kniepel ta Sant'Andrea, bdeu idokku uħudhom, min ghair hatt ma misshom cullħatt beda igħajjat, miraclu! miraclu!

Il marda ta cull xorta, geu biex jitolbuħ il feikan, u ghalhecc cullħatt kala il grazzi li xtak. Il poplu mita sama il kniepel idokku uħudhom, u il morda ifieku, cullħatt beda—Isidoru Kaddis! Isidoru kaddis!

Il poplu collu, xiuħ u zghazaħ, Sacerdoti u cbarat, culħatt igheid, inkghedu lil Isidoru fuk l'artali, u bdeu jaħsbu sabiex jibnulu Chnisia mill'isbaħ.

Il poplu icconcorra, u f'kasir zmien imbnietlu Chnisia l'actar sabieħa.

Min gismu beda joħroġ certu gharak ifuħ, donnu balzmu, u cull min beda jindilec bieħ, kala fejka ta cull xorta ta ġrieraħ

Is-Sultan Alfonsu, fil guerra li chellu f'Las-Navasi mal Miramelesi, irricorra ghal protezioni tal Bidui S. Isidoru, u dan semghu, ghaliex hareġ rebbieħ mill ghedeuua tighu.

Mita chien isaltan San Ferdinandu uaka aks cbir ta xita, chienet sena niexfa, ir-raba, il pajisi u il bliet collha bil ghaċċ, dan ordna sabiex joħorgiu bi processioni sollenni il gisem ta S. Isidoru— Hueijeġ tas-Sema! Malli bdiet il processioni, l'airu infela bis-sħaijeb, u x'ħin dahlet, bdiet tfarrac ix-xita bil kliel.

Fis-sena 1252 li stess chienet sena ta nixfa cbira. Il poplu dam xahar sħieħ jitlob fuk il kabar ta S. Isidoru, Madrid u il pajisi taħħa collha bil ghatċ, l'annimali, u saħansitra il poplu beda iħoss il ghatċ, u bdeu imutu bil ghatċ. Allura S. Isidoru deher lil uieħed Patri ta S. Frangisc, u kallu: Itolbu, itolbu, u ma iddumux ma tcunu mismuha. Il poplu talab, u tasseu li ûara ftit tal ġranet chienu mismughin.

Din hia tghalima ghalicom o bdieua mita tcunu fil bzonn tax-xita, li fiz-zmien taghna, ta siquit icolna din id-disgrazzia, irricorru ghand dan il cbir protettur tghacom S. Isidoru, itolbuh bil kalb din il grazzia u sigur li jaklaħħilcom, ghaliex hua chien ta li stess mestier, jaf chemm tinħtieġ ix-xita, u chemm gid tghamel mita din tcun fil uakt taħħa.

---

# LI TCUN TAF TBIXX M'HUX BIZZEJJED!

## JINHTIGLEC POMPA TAIBA.




Il bexx ghal marda tal patata, ghall'insetti tal ghelejjel, chif ucoll ghadduieli u sigiar tal frott, il bdieua collha jafu biz-zejjed chemm hu meħtieġ, izda li tonfok il flus u tbixx b'pompa li m'hix maghmula chif titlob ix-xienza, hi ghar milli uieħed ma ibixx xejn!

Jecc tixtri ħobza, inti tfittex dejjem qualità tajba u tokghod attent mnejn tixtrigha, fil uakt li pompa tal bexx li tisua uisk izied tixtrigha chif gie gie.

Li tixtri pompa irħisa, tfiser li tixtrigha ghalia *u li kighed tarmi flusec! Uara ftit zmien inti issib li ghandec bzonn pompa ohra.* Cun bil ghakal mela u itlob biss il pompi tal bexx "**IRON ARM**" li huma mghamula min Inginieri u fabbrichi Inglisi mgharufa mad-dinja collha. Ghalchemm ftit ghola min pompi oħra, huma uisk aħjar u mghamula mill'aħjar ram. Tixtri uaħda darba biss u tibka tbierec il flus li infakt fiha.

"**IRON ARM**" huma l'akua pompi, huma **ibixxu l'ghamla ta bexx li trid int,** fin daks ghabra, oħxon, mifrux, dritt; minghair m'hemm bzonn li tbiddel xejn. Invenzioni sabieħa li *ħatt ma jista jghamel bħala.*

Bħal ma tara mil li stampi haunecc, hemm ħafna ghamliet, *xi uaħda* minnhom tghodd ghalic. Acquistgha malair, u zomm il prodott tieghec b'saħtu.






**DAN IL POMPI JINSABU GHAL BEIH BISS GHAND:**

# G.M. BUGEJA & CO.,

**25 SDA. FORNI.—IL BELT.**




MANUEL U PAULU.

(*Dialogu ta tghalim ghad-delettanti*)

—

M. X'ghanna Paul, ked tcteb xi Poesia?

P. X'hemm Manuel, ma nicdelettax bil poesia jen; ked nghamel notament ta xi fiuri u pianti.

M. Ked tfaccarni fil fiuri Paul, gheidli ftit xi zrierah nixtri issa.

P. Il fiuri l'actar preferuti ghal gionna li jinzerghu fli stagiun li gej huma generalment il Papocci (*Anthirrinum*), Cineraria, Terespin (*Iberis*), *Sweet Peas*, Memesia, Penstemon, Petunia, Ambretti (*Scabiosa*), Pensieri, Verbena u xi oħrain. Daun collha jistghu jinzerghu f'Settembru.

M. Stenna ħalli nictibhom Paul........ Scabiosa....... Pensieri........ Giulbiena......

P. X'Giulbiena tal mnighel?..... Verbena ghettlec jen!

M. .....Insomma...... Verbena. Seuua uisk. Fl'aħħar uiria haunnecc cont rait, Paul, pianti grazziusi ħafna, chienu gio caxxi bil ħgieġ, jghamlu fiuri sbieħ, it-ticchiati; ma tafx tgheidli x'jisimhom ħux?

P. Ghandech tcun kghed tgheid ghal Calceolaria. Dic pianta tas serra tinzera f'Auuissu - Settembru u trid tinzamm f'posizioni frisca.

M. Iva. Dic tizirghua Paul, f'dic il ħamrija.,...ma nafx xi tgheidula inthom id-delettanti......Cappricciu ghandu icun.

P. Aħna ngheidula *Terriccio di Castagno*, x'capricciu ta rasec!

M. Insomma.

P. Trid tizraħħa f'*terriccio* dakxejn imrammel, u iz-zerrigha xerrida f'uiċċ it-trab, l'aħjar uara l'is-sakki.

M. Chif insakki kabel nizra........mela kghed toħlom Paul!

P. Biex kghed tistghageb? Is-sakki kabel ix-xerred iz zerrigha, ghaliex billi iz-zerrigha hi fina hafna jecc inti is-sakki uara li tkghedda, iz-zerrigha titla ma l'ilma, u jecc il platt taz-zerrigha jeu caxxa tcun dakxejn immeila, iz-zerrigha tmurlec collha banda uaħda. Uara, mita icolloc bzonn is-sakki dan tghamlu bil cura biex ma taklax iz-zerrigha. Dan hu tajjeb li tghamlu ghal cull zerrigha irkieka. Hag'oħra li trid tokghod attent ghaliha hu in-nemel—ghax dan iġorr iz-zerrigha uaħda uaħda u sgur li ma jimbitlec xejn.

M. Helua din ucoll, allura x'nghamel?

P. Dauuar il caxxa jeu platt li icun, bit-trab tan-nemel u insetti li jinxtara min ghan Bugeja 25 sda. Forni Il Belt.

M. Seuua uisk. Issa xtakt naf ħag'oħra Paul. Il ghala il giacinti katt ma jirnexxuli.

P. Il cultizazioni tal Giacinti issbuha difficili f Malta. Jinħtieġ li il basal jghamel gheruk bizzejjed kabel ma jidru il uerak, inchella il fiur ma jgholiex izied min ftit pulzieri u jitlef bosta mill ġmiel tieghu.

M. Allura chif tghamel?

P. Biex tghein il basal jghamel l'gheruk, il kasrija fejn jigi imhauuel ghanda tigi 'mghaddsa xi pied gio ramel nadif, u dar-ramel ghandu jigi imxarrab spiss biex il hamrija tal kasrija dejjem tigbed l'umdità u ma tixxuttax— il kasrija m'ghandiex tigi imsokkija hlief malli thauuel il basal— uara li il ksari icunu hilhom sitt gimghat fir-ramel ghandhom jitnehheu u is-sib li il uerak chiber xi tliet pulzieri; mbghad kghedhom f'rocna xemxija tal gnien, u ghattihom, ghal hmistax il giurnata, b'kasrija ohra voita makluba fukhom. B'dan, iz-zocc jghola biz-zejjed kabel ma jifforma il fiur.

M. Grazzi hafna, Paul, tal pacenzia li hatt bija illum.

P. Sahha Manuel.

M. Sahha Paul.

---

## IL HANZIR

Mictub mill Professur J. Borg M.A., M.D. Suprantendent tal Biedia.

(*Jissocta man-numru ta kabel*)

### MARD TAL HNIEZER.

Ftit huma il mardijet horox li bihom il hanzir jimrad u imut. Fost daun nista insemmi il flussioni jeu deni tal hniezer, l'irsipla tal hniezer, u cultant l'antrace jeu carbonchiu. Hemm ucol id-deni tal afta jeu marda tar-rigel u tal halk, il gidri, id-diarrea jeu colera tal hniezer, u ir-rabja. Din ta lahhar nistghu ngheidu li ma narauha katt, u id deni tal afta narauh darba cull tant u fil boghod. B'dan collhu dan il mard li semmeina collhu jittiehed, u cullhadd jaf li f'xi snin l'irsipla u id-diarrea jeu corla jekirdu gheluf ta hniezer, u jghamlu hsara m'hux ftit.

Mil bkija, xi mardijet ohrain huma gejjin min-nukkas tal indafa, jeu min-nukkas tal hsieb ta min icun irabbi, jeu minn ichel m'hux tajjeb, jeu mill'imjekel mibnijin hazin jeu kghedin f'post hazin, u ghalhecc insemmu biss xi uahdiet minn dan il mard, u li huma l'aghar fosthom.

### IL FLUSSIONI JEU DENI TAL HNIEZER

Xi drabi din il marda tcun hech kalilha u timxi il kuddiem hecc sobtu, li il hanzir li fil ghaxija chien jidher kauui shih u chiel b'aptithu, imut sa fil ghodu, minghair ma jiffacciau tbajja homor fuk il gilda jeu minghair sinjali ohra ta mard. Imma actarx jigri li mita il hanzir jimrad b'din il marda, jitlef l'aptit, u il gilda tighu tishon u jidru xi tbajja homor fuk dahru, uara spalleih, u fuk coxteih minn nahha ta geuua, u fuk bnadi ohra fejn il gilda hia irkika u bla suf. Il hanzir marid ma iridx hlief li jidgheddes kalb il huxlief tal makjel, u jibka hemm bla ma jitniffes, hlief mita l'ghatx tad-deni igeghlu ifittex l'ilma biex jistejker.

Bosta min daun il hniezer morda icollom is-soghla, u ghajneihom u gheddumhom idemmghu, sakaihom ma jifilhuhomx, it-tbaija tal gilda jistghu jicbru u joctru, u l'animal cull ma imur inakkas u imut uara xi jumein jeu tlieta. Xi drabi jibka igebbed ghal xi granet, u bil mod il mod ifiek u jista jargia jissemmen u jinkatel, imma jibka dejjem bil microbi tal marda u jista inigges u imarrad hniezer ohra li imiss mahhom, ghad li jidher b'sahtu. Ghalhecc il hniezer li chienu kghedin fein il hanzir marid jeu li messeu mighu, ahjar li jinkatlu biex uiehed isalva minnhom li jista; ghad li illum hemm certu tilkim bis-sjeru, chif igheidu, il hniezer infetti isiru jifilhu ghal microbu tad-deni, u ma jimirdux jeu jimirdu hafif u jghaddilhom malajr.

### L'IRSIPLA TAL HNIEZER.

Din il marda izjed narauha sicuit middeni u izjed tghamel hsara u toktol il

ħanzir f'kasir zmien, u tittieħed izjed. L'animal marid ma icollux sogħla, u ma jidherx hecc mitluk bħal mita icun bid-deni, imma it-tbajja tal ġilda icunu icbar u actar ħomor. Din il marda tittieħed uisk, u il makjel fein chien hemm ħniezer bl'irsipla jaħtieġ li jitnaddaf tajjeb, u jitbajjad għal darba tnein, kabel ma jit-kgħedu hemm ħniezer oħra.

### Eczema jeu Kxur tal Ġilda.

Din hia marda tal ġilda li actarx tcun geija min diġestioni ħazina jeu min stoncu ħazin, jeu għaliex il fuied ma icunx jaħ-dem chif imissu. Tidher bħal tbaija ta leun aħmar kauui, cbar daks ħabba sa daks sitt-ħabbiet, u fuk daun it-tbaija bziezak zgħar, li jinfekgħu. minnhom joħroġ bħal ilma jeu sieru safrani, li idellhech u jinxef, u irabbi il kxur. Malli il ħanzir marid intuħ purgant tal melħ (sulfat tal maniesja), malair daun it-tbaija jitilfu il leun aħmar kauui, jeħdu leun scur, jitfgħu u ifiku, u actar jecc nidilcu-hom ucoll b'xi ftit zeit, jeu ngħatu ma l'ichel xi ftit cubrit, darba jeu tnein, xi jumein uara il porga. Din il porga għandha tcun maħlulha fl'ilma, giò flixcun u miskuha lil ħanzir billi nerfgħulhu rashu il fuk u inferrgħu il porga bil mod giò ħalku. Nokgħodu attenti li ma inferrgħux il porga uakt li il ħanzir icun kighed iuerzak, għax għandha mnein tibka nizla gio'l pulmun, u l'animal jifga jeu takbdu infiammazioni tal pulmun li toktlu f'kasir zmien.

### Il Ġidri.

Il Ġidri jidher bħal tbaija ħomor zgħar, ta għadd cbir, li jingħakdu flim-chien u isiru tbaija icbar, u li jeclu il ħanzir u igigheluħ jinħac mal ħitan. Ma daun it-tbaija icun hemm id-deni, u xi drabi deni kauui, u l'aptit jinkata. Il ħanzir marid għandhu jokgħod f'makjel nadif, b'ħafna ħuxlief, u fis-sħana. Il cura tcun li intuħ porga tal melħ (sulfat tal maniesja). It-tbaija għandhom jindilcu biz zeit carbolat (zeit li fieħ xi ftit acidu carbolicu). Din il marda tittieħed u il ħanzir marid għandhu jokgħod f'makjel għalieħ, li imbagħad jitnaddaf u jitbaijad.

### Id-diarrea jeu Corla tal Ħniezer (Hog-Cholera).

Il Corla tal ħniezer, li jgħeidulha ucoll Pesta tal ħniezer, hia marda tittieħed uisk u toktol il ħniezer ta cull daks u ta cull razza, imma l'izjed li imorru biha huma il frieħ u il ħniezer zagħzaħ. Il ħniezer jimirdu billi jeclu jeu jixorbu xi ichel jeu xi xorb li icun imniġġes bil ħmieġ ta ħniezer morda, u uara l'infezioni il marda tidher fi zmien jumein jeu tlieta, u tista tidher bħala marda gravi u acuta mil leuuel jeu bħala marda ta kauua inkas, jeu bħala marda tat-tul, li iddum iggebbed.

Mita tidher bħala marda gravi, icun hemm deni kauui uisk, u il ħanzir jidher sħun u mitluk u kalbhu seuda, bħal mita jimrad bid-*deni tal ħniezer*, u taraħ igħodos giol ħuxlief u jibka hemm. Uara xi sigħat jidru tbaija ħomor fuk zakku u fuk cox-teiħ min-naħħa ta geuua, u uara xi jumein jeu tlieta il ħanzir imut.

Mita tidher bħala marda ta kauua inkas, id-deni u it-tbaija jiddauru izjed ma jidru, u icun hemm ucoll il mard tal pulmun jeu *pulmonea*, u tal chirxa jeu *enterite*, bid-diarrea jeu fetħa ta ħmieġ liquidu bħal ilma, jintenn uisk, bit-tkanzieħ, u bi tneħħija ta xi ftit tad-demm. Il pulmonea tidher bin-nifs kauui u kasir, bis-sogħla, bl'uġieħ, u bi fluss oni bl'imħat mill'im-nieħer. Il marda iddum min tmienja sa tletin ġurnata, u actarx li tispiccia bil meut.

Mita il marda tidher bħala marda tat-tul, l'animal jimrad chif għedna u idum iġebbed, jibka bla aptit, u tibka il fetħa, is-sgħola u il flussioni, u il ħanzir jgħolob u imut uara xi tliet xhur jeu erbgħa, jech ma noktluħx kabel. Din il marda ma hemm l'ebda cura għaliha, u billi tittieħed uisk, aħjar infittxu neħelsu mil ħanzir marid kabel ma imarrad l'oħrain.

Is-*Setticemia tal Ħniezer* jeu *Pulmonea* jeu *Puntura*, ma tantx tingħaraf malair mil Pesta jeu Ferħa, mita il marda tidher mil leuuel kauuija li toktol l'animal f'inkas minn jumein. Imma mita ma tcunx hecc kauuija, minn f'loc il fetħa jidru is-sinjali l'oħra li huma is-sgħola, il flussioni kau-uija, in nifs kauui u kasir, u l'animal idum

iġebbed għal xi tmien tijem jeu ġimgħa u nofs u imbgħad imut. Mita tiġbed għat-tul jibkgħu li stess sinjali, mingħair il fetħa, u l'animal jibka iġebbed, jgħolob, u inakkas għal xi tliet ġimgħat jeu izjed, u katt ma ifiek seuua. Din il marda tittieħed uisk daks il pesta, u l'animal jimrad billi imiss jeu jgħamilha ma animali morda. Għal din il marda ħasbu ucoll jiccurauha bis-siero tas setticemia, jech jingħata malli jidru leuuel sinjali tal marda, jeu aħiar bħal tilkim kabel xein ma jimrad, biex l'animal icun jifiaħ għal microbu u ma jimradx.

### Il Tixdid.

It-tixdid jeu nukkas tal purgar, hua il bidu ta ħafna mard. Il ħniezer li jirgħau fil beraħ ftit għandhom xeħta li jixteddu; imma il ħniezer mgħalukin geuua l'imjekel jixteddu uisk, u li stess jiġrilhom il frieħ li idumu uisk mgħalukin ma omm hom ġeuua il makjel. Ftit tal ħaxix, jeu xi pala tal bajtar imkatta, jeu xi dakxein melħ tal porog, malair iggħal il ħanzir jipporga u jgħaddilhu collox; imma biex ma jargiax, jixrak li cultant noħorgiu l'animal idur daura u jirgħa ftit.

### Mard Irkik jeu Marsuttil.

Il ħniezer jimirdu bil mard irkik daks in-nies, u din il marda tittieħed minn ħanzir għal iħor, u tidħer uisk fuk il friegħ tal ħniezer imrobbijin fuk ħalib jeu xorrox li icun gej minn bakar morda bil mard irkik. Din il marda t'attacca l'actar il pulmun imma tmiss ucoll l'għadam, il chirxa, il coxox u ir-riġlein. Animal marid b'din il marda aħjar toktlu, biex jech il marda ma tcunx għadha daħlet il geuua, it tabib icun jista ihalli li il laħam imur għal ichel.

### Id-Dud.

Il ħanzir jimrad b'ħafna għamliet ta duied. Lgħar fosthom hia it-*Trichina spiralis* li hia comuni fil Germania. Il ħanzir jimrad b'din il marda billi jecol xi giurdien li icollhu laħmu immigges b'dan id-dud, jeu billi jecol xi ħmieġ iħor immiġġes, u gio li stoncu tal ħanzir dan id-dud irkik ifakkas u joctor u iniġġes il laħam collhu. Mil laħam tal ħanzir din il marda tgħaddi għal bniedem, u iggiblu marda b'deni kauui li xi drabi tibgħatu il kabar. Il laħam tal ħanzir imniġġes b'dan id-dud ma għandux jittiechel kabel ma jgħaddi seuua min-nar. Id-dud jidher giol laħam bħal ticchi bojod irkak daks ras ta labra jen irkak li bil chem jidru, u għalhecc laħam li gei minn pajisi fein hemm dil marda, bħal xi perzut jeu beicon tal Germania u ta pajisi oħra, għandu deijem jinstamat seuua kabel ma jittiechel.

Il ħniex tal ħniezer icunu tual xi tliet pulzieri, u il ħanzir li icollu il ħniex, għad li icun f'aptitu ma jismenx chif imissu. Bizzejjed insaumu il ħanzir għal xi tnax il sigħa, imbgħad intuħ xi ftit ichel taj.eb li iħajru, li icun fieħ minn tlieta sa għaxar grani santonina, biex neħelsuħ mil ħniex. Xi sgħatein uara li icun ħa is-santonina intuħ dosa taz-zeit tar ricnu, jeu ftit melħ tal porga fi ftit ħalib, biex ichecci barra il ħniex li icollhu.

Il ħabb hua dud iħor li insibuħ sicuit fil laħam tal ħanzir, u l'actar fil laħam ta għonku u ta grizmeiħ. Dan il ħabb fil ħanzir ma jgħamillux ħsarat cbar, imma mita il bniedem jecol laħam tal ħanzir bil ħabb għadhu ħaj, jigifieri m'hux mgħoddi min-nar, jeu ma hilux ma gie immellaħ dan il ħabb jofkos fli stoncu tal bniedem, u minn hemm igħaddi għal gio l'imsaren, fejn jakbad maħħom u jitrabba u jitual u isir il vermi solitariu jeu duda. Il bċeijeċ ta din id-duda icunu mimlijin bl'għeluf ta bajd irkik, u jecc isibhom il ħanzir u jecolhom, il bajd jofkos fli stoncu tighu u minn hemm igħaddi għal gismu collhu u jimlieħ bil ħabb; mita imbgħad it-tabib tal biccerija jiscartahulech, għax mhux tajjeb għal ichel. Għalhecc ma għandniex inħallu il ħanzir jirgħa fein jista isib il bċeijeċ tad-duda, jeu xi ichel imniġġes bil bajd taħħa.

TMIEM.

## IL KIMA LEIN SANT'ELENA MILL BDIEUA TA L'IMGHODDI.

—

Fiz-zmienijet kodma Malta u Ghaudex ma chienux mimlijin bil bini bhalma huma illum, izda bil maklub, daun iz-zeuġ Gzeijer taghna chienu quasi collha raba u b'sigiar mimlijin.

Scond li "Storia ta Malta", li chiteb G. Faure, insibu li daun l'irhula taghna x'actarx fi zmien l'Aragonisi, chienu collha boschijet, li fostom uiehed minnom chien jismu: "Hair Graziosa".

Dan il bosc beda maz zmien jimbena u sa minn kabel zmien il migia tal Conti Ruggieru f'Malta u it-tcheccija mn'haun ta l'Arab, nafu li chien hemm Cnisia zghira id-dedicata lill Imperatrici Augusta Sant'Elena, omm Costantinu, li daun seculi kabel chellhom lill daun iz zeuġ Gzeijer rau uisk gid u minnhom mehlusin mill chiefra persecuzioni contra l'Insara.

Din l'euuel Cnisia li semmejna, chienet in-naha ta l'Aarar (l'Gharghar) li chif nakrau fuka fil "Malta illustrata" t'Abela-Ciantar, insibu li chienet ghalkaſeu uesha mimlija collha sigiar tal ġnibru, fi minnom ittiehed dan l'isem.

F'dan ic-centru tal bosc (ta l'antic) "Hair Graziosa" jeu tal imbaghad (chif ucoll illum) imsejjah Birchircara chienet tesisti il cnisia li fl'1436 A. D. giet mill Iskof Senatorr De Mello, fi zmien il Papa Eugenio IV, maghmula parroccia taht l'isem ta Sant'Elena ghal quasi quart ta Malta, billi f'dauc iz-zmienijet chienu jaghmlu ma Birchircara daun l'irhula li gejjin:—

| | | | |
|---|---|---|---|
| Hattard | li sar rahal | fl'1575 | A. D. |
| Hal-Lia | " " | 1594 | " |
| Hal-Balzan | " " | 1655 | " |
| L'Imsida u tal Pietà | | 1876 | " |
| Tas-Sliema | " " | 1879 | " |
| San Giulian | " " | 1891 | " |
| Sta. Venera | " " | 1918 | " |
| Il Gzira | " " | 1923 | " |

Chif ucoll Hal Mann, Hal Borġi, nofs il Hamrun, Hal Uarda, Hal Caprat u x'ohrain.

Hia hagia ta l'ghageb chif cnisia zghira chella tcun il parroccia unica ta dac il cobor collu collu, izda uiehed malair jifhem li biccia minn Birchircara u dauc l'irhula collha, li semmejna, chienu collha raba bi ftit irziezet l'haun u l'hinn.

In-nies ta daun l'irziezet chienu naturalment bdieua u l'ghalhecc minn haunech ahna narau li Sant'Elena chienet patruna titulari tal Carcarisi chif ucoll tal bdieua li chienu jinsabu fi quasi quart ta Malta. Insibuha ucoll li chienet patruna ta Bormla li allura f'dac iz-zmien chienet xaghri u raba u nafu ucoll li f'xi tliet bnadi t'Ghaudex kalb ir-raba chien hemm xi cnejjes dedicati lilha.

Minn dac li s'issa ctibna raina x'kima cbira chellhom lein il kaddisa sauuieba tas-Salib il bdieua ta l'imghoddi chif difatti anche semmeu xi ghelieki bein Birchircara u Hal Kormi, x'ohrain lein il Gharghar ta Birchircara chif ucoll xi ohrain f'Ghaudex bhala "l'Ghelieki ta Santa Liena".

Issa billi raina dana collhu u billi Binha Costantinu Magnu onura b'Ordni ta Cavalieri lill San Giorġ Martri, li ifisser "bidui" jeu "gennien", hsibna u raina li f'dina is-sena (1928 A. D.) taccentinarju, gheluk l'1600 sena tal gloriusa meutha ingibu ghal darba uahda biss chelmtein fuk din il Kaddisa benefattrici tad dinja nisrania.

Nibdeu mela billi nghidu li hia tuieldet fil Brettania (l'Inghilterra) bhala bint is-sultan Coeli ta York u martu Elena, li daun scond x'auturi chienu Insara, specialment il missier, li chien iben Claudiu l'icconverta lill martri Flora, lill ommha Siona lill San Laurenz u lill bosta u bosta ohrain.

Ta 23 sena iz-zeuġet lil cmandant Costanzu Cloru ta l'esercitu ruman, li minnhu chella lill Costantinu u li minnhu (contra kalbu) giet mitluka biex jizzeuueġ lill Teodora xhin uasal biex jilhak imperatur.

Miet zeugia u flocu lahak imperatur Binha, li ghamel vittorji cbar specialment meta fl'airu dherlu salib bi'*In Hoc Segno Vincens.*

Chien l'euuel imperatur nisrani tad-dinja (Ruma) u l'ghalhecc tà il libertà

lill Cnisia u ghamlila minn cull xorta ta gid.

Ommhu Elena marret ta 78 sena tfit-tex is Salib, li sabet fost tant hidma u tbatija.

Uakkfet cnejjes, farchet l'idoli, tat gidha u meta sentein uara mietet, id-dinja til-fet l'akua mara, u il bnedmin tilfu l'ommhom u il benefattrici tahhom.

Funerali li jis-hokkulha saru ma cullim-chien u monumenti tuakkfulha fis.

Il Cnisia tivvenerahà fuk l'artali u il popli ifahhruha, chif tasseu jisthokk lill Min chien ta cobor bla chburija.

L'argentieri jgharfuha bhala patruna tahhom u cull classi ohra, fosthom il bdieua—chif digia' ureina— ghandhom kima speciali le'n din il cbira *Cristiane simi degna proles*.

GIUS. DIMECH DE ONO.

---

## IL MANDULINA TNISSLET FL'ITALIA U FL'EGITTU MINN MALTA.

Ingibu haun maklub bil malti biccia mehuda minn foliu religius "Pro Famiglia" tal 1 ta Novembru 1925 u biccia ohra mil ctieb "Le gardinage en Egypte" ta Walter Draper, li nuru li il mandurina giet imissla fl'Italia u fl'Egittu min Malta.

Pro Famiglia, 1 Novembre 1925.

*"L'aroncio e il mandarino"*

"Dinu Cortesi fil *Corriere d'Italia* irid jaf l'ghala l'Italia jisthokkila id-definizioni li tgha Goethe, ta art tal laring. "Kabel Cristu il boschi tal-laring li illum minfuha bighom il Calabria u Skallija ma chinux jesistu u Dionigi ta Siracusa katt ma seta joffriom lil mistidnin illustri tighu. Sa dac iz-zmien ma chienx mgharuf hlief ic-citrat *citrum malum*. L'Europa hi ob-bligata lil invasion tal gharab ghaddahla tallaring li mah uk fl'India, ghadda mil Persia per mezz tal guerrieri maumettani u uasal fl'Europa ma duar is-sena 900 uara Cristu. Krib Patti f'Skallija chibru leunel sigiar tal-laring; il fuieha tighou giet apprezzata u il polpa mikula. Bertu Magno fil ctieb tighu *"De Vegetabilibus"* jiddescrivih bi precisioni cbira u fi ftit zmien il cultivazioni ixxerded ma l'Italia colla. It-toghma tas-sugu tighou chienet apprezzata b'mod tali li fis sena 1000 il Princep ta Salernu mita chien assediat mil Gharab fil belt tighou baghat bil mohbi lil compatriotti tighou fin-Norman-dia cannestru mimli b'dana, il frott pre-zius biex igielom jghenuh. Qualità ohra ta laring giet mic-Cina fl'Europa per mezz tal Portughisi duar is-sena 1548 u dina chienet il vera laringia li giet hecc spie-gata mil gisuita Lecomte ghal chitba tighu *Memorie cinesi "On le nomme en France Orange de la Chine parceque celles que nous vims pour la première fois en avaient èté apportèes"* L'ahhar li uaslet f'pajjisna chienet l'inebrianti mandurina li dahlet fleuuel snin tas-seclu XIX u li ghas-sugu helu tahha habtet tissupera il laring. Il mandurina uaslet f'Skallia min Malta fejn il cavalieri portughisi già fit tmiem tas-seclu XVIII chienu haulu sigiar tal man-durina li chienu giebu mas-sigiar tal-laring mic-Cina. Hu ciar mela li l'art fejn jigi il kuddiem il laring chella tistenna bosta secli kabel ma il ferhanin xtut tahha geu imzeinin bil frott tant ifuh u li il poeti Grieghi u Rumani ma chienux jafu li jesisti u ahna obbligati lejn is sever ge-suita Locomte ech illum narau iccupplati bhal eleganti piramidi fuk limujed taghna il helui *pomi dorati* li igennu il palat tghana bil hleuua tas-sugu tahhom, u ech il misterius frott tal Persia u ic-Cina li xi zmien chien cunsiderat b'superstizioni religiusa u mizmum bhal ta lisman, sar il ferh tal wikkila taghna u tgha lil paj-jisna l'isem helu li Goethe chiteb ghal dejjem fil poesia tighu.

---

Le Jardinage en Egypte
par Walter Draper, p. 124
*L'Orange Mardarine Egyptienne*

"Dil varietà li hi differenti mil appa-renza u mil hxuna tal vera mandulina tac-China u it-Tangarine francisa, giet introdotta min Malta fil bidu tas-sena 1830.

Eccu chif jirracconta l'istoria tahha S.E. Yocoub Atrin Pacha :

"Ilu duar sittin sena, fiz-zmien Mèhèmet Ali, xi studenti li chienu gejjin lura mill'Europa, fejn chienu mibghuta mil Gran Pacha biex jistudiau ix-xienzi moderni, bakau Malta ghal tmien tijem habba il maltemp. Uihed minnom jismu Yousef, li chien ra fis-suk varietà sabieha ta mandulina, xtara caxxa. Meta uasal l'Egittu irrigala ftit lil Vice-Re u dan tant hareġ cuntent li ordna lil Yousef Effendi (*Is-Sur Giuseppi*) li imexxi hu il cultivazioni, u fil pront gighel tinzera izzerrigha tal mandulina fil gionna ta Chonbra."

Maz-zmien deher il frott fuk is-sigiar u Mèhémet Ali, li chien ihobb uisk il mandulina, semma din il frotta bl'isem ta "Yousef Effendi", isem li baka hecc maghruf sal lum.

---

## TGHALIM HAFIF IMMA MEHTIEG.

Hafna mil bdieua taghna ghal ftit xoghol, jeu ghax chif inghidu *ma jatux cont*, ihallu li rchejjen bla ma jizirghauhom. Xi hbula tar-raba jinkatghu fihom 4 rochniet, ghalchemm daun ghal ghain jidhru zghar, dejjem hu telf ghal dac il bidui ghax chif ighid il kaul: *Cull lakxa tirfed li mramma.*

Xi drabi narau ucoll xi bċejjeċ ta hitan imġarfin, li il bdieua iseihulhom *sliehi*, izammru, xi drabi, ghax mhux dejjem, gebiltejn minnhom, u is-sliema jalla, però hu telf cbir!

Ghax il bidui fiċ-ċochon tar-raba taghna, u l'actar meta dan hu mkabbel bil gholi, xhin takta li rchejjen, xi rampa u xi salha sgur li cull ma tahdem hu ghas-sid meta l'ghetien isehhu, ghax jecc le, trid thallas minn geuua.

Hemm ohrajn li icollhom xi mniedak jeu xfar bi ftit hamrija, ma jatux cont li jahdmuhom. Dan hu ta telf cbir ghalihom. Ghax hemm kaul iehor li ighid, li: *min ma jibzax ghal ftit katt ma jista icollu il uisk.*

Mela nahdmu cull fein hemm ittrab, min ma jiflahx jati fli muahhar jati fil bicri, jecc mhux kamh jeu mghalef ghan-niexef, jati il mghalef ghal ahdar.

U minn floc ma tibda il land, tibda il land il bdieua iridu jifmu li jibdeu jitimghau: silla, uidna jeu zergha, ecc. U mhux ilakktu, minn fejn taf li hu iuassal ghal hsid ghal hazna. Haun tcun tiffranca teftifa ġmiela!

Din tissejjah economija igifieri ma tahlix.

***

Zrieh fit-tajn.

Il bidui fejn jista katt ma ghandu jizra fit-tajn, prova ta chemm deni jaghmel ghandu f'idejh din is-sena li ahna fiha 1928. Ir-raba instehet ghal collox, sar bhal concos, l'art tinstehet sa chemm targia takliba.

U jecc tigi!!

L'gheruk ta dac li tizra katt ma jistghu jixxenxlu biex jerdghu dac li bih ticber ix-xitla. L'art tinxef, titfellel u ir-rih jidhol jixrob it-terra u hafna hsara ohra ta telf. U fuk collox xoghol, xoghol, zerrigha u'l hlas irid icun.

C. SANT.

---

## MINN XGHARA TGHAMLU GNIEN

Ahna il Maltin ma nafux, jeu *ma irridux*, biex nghidha chif inhossha, li naghaddu il kuddiem fil biedja.

Barra mill moxa li haun tal Gvern haun hafna xgbari li jistghau isiru gionna u ihallu hafna klieh.

U dan bi ftit infiek ta flus u bi ftit xoghol l'actar fein hu blat tal francha. Francha ifisser blat artab-tlughei ghax-xoghol l. dan x'actarx hu mghamul inforra saff fuk ohra, li fejn hu blat salvaġġ fih ħafna kieghan brajjem laxchi u dghaben l'actar li jifmuni fuk dan, il bakkunieri li jaħdmu fil barrieri tal ġebel. Izda biex infihem lill cullħadd, sejjer infisser li jifmuni il bdieua li ghalihom ked nicteb, ghal gid taħhom lactarnett, u ghal gid ta l'art, li l'art tfisser il ghaixien tan-nies mhux ta dauc li fiha biss ighamru, ta xi oħrain barranin ucoll

Il kieħ tal blat hu dac li ighazel saff minn iehor, il bakkunieri jghamlu trinca bħal gandott uasa minn 4, pulzieri sa 6, scond ma jinħtieġ jinzel fond, u dan jista minn kieħ ghal ehor icun xibrein 4, 5, jeu 6, sa ma jilħak il kieħ li xi drabi icun laxc, uieħed linja ta pulzier jeu ftit inkas u jista icun sa pulzier, u gie li jinsab mimli ħamrija il ġmiel taghha, u din il ħamrija tcun tinghasar daks li tcun bit-tira, (umda) x'ma jicbrux is-siġar meta isibu kieħ bħal dan! Tista taħrak ix-xemx fix-xhur tas-saif! Hi taħrak u huma erħilhom imattru iż-żraġen u il frighi bil uerak ihaddar donnhom imhaulin ħdein ix-xmara ir-risk ta l'Egittu in-Nil.

Il brajjem ucoll bħal kieghan.

Daun jistaghu icunu laxchi pulzier u xi bnadi midbukin, u icunu ucoll xi drabi bil ħamrija li ma tulec ja zmien, niżlet maċ-ċarċir ta l'ilma minn l'ghalieki. Id-dghaben, uisk drabi li huma uisk actar laxchi mil brajjem, ara chemm, li gie li insabu laxchi f'xi bnadi xiber u darba fil, gie i icun fihom bħal gherien żghar, u gie li chienu mimlija bil ħamrija.

Fejn hemm daun id-dghaben hemm nisġa ta ħafna ferghat ta brajjem u kieghan li aħna insejħulhom fruglu biex nuru li hemm gheġuigija ta ħsara fil blat li jaħasra ghalik dac li jintaka maghhom fil barrieri, ghax jakbillu jordom min leuuel.

Xejn ma isibu mnein jerdghau tira is-sigiar!!

F'Malta, haun salt xghari li minn blat tista tghamilhom ġonna chif ghidna u bi ftit infiek ta flus, meta il blat û francha, naħseb li fejn b'jumein u fejn bi tlieta, u fein b'jum ucoll issir ħafna lì fiha tista tithauuel siġra, dielja, tina, ħarruba tcun xi tcun trab uieħed ilakkat minn giò ix-xghara u meta ix-xitla issib dauc il kieghan, brajjem u dghaben, ix-xenxel gherukha giò fihom u fi zmien kasir minn xitla issir siġra l'actar meta din ix-xghara tcun lein xatt il baħar li malair jistaħak l'ilma tal pjan (tal uita mal baħar.)

F'xi bnadi haun xghari, li tista tħauuel fihom eluf ta sigiar li daun jatu lill bidui gid cbir bla ma jitħabat uisk ma tul is-sena. Haun fejn jitħaulu sigiar ucoll bi ftit uisk xoghol billi hemm digia candotti lesti, li naħsbu li daun saru ghalhecc min buznannietna.

Li chiechu dan li ked nghid iseħħ, jisua ta gid cbir ghal cullħadd, u xejn xejn nuru, li dac li tana il ħanin Alla haun f'artna, u li tatina in-Natura nafu im-mexxuh u nghożżuh.

Sigiar imhaulin fil conoc chif k'ed nghidu jatu frott b'hidma żghira, u xaghra minn blat nghamluha ġnien chif ghidtilchom.

Fejn hemm blat jebes, kauui jeu se-conda, meta fieħ kieghan u brajjem jeu dghaben l'ictar meta dan icun imuaħħal, jigifieri imħaffer jista isir ucoll billi isiru furnelli, u ma hemx nefka cbira.

Ghal'euuel, sa ma uieħed jibda, collox narau jebes. Izda li chiecu f'collox narau hecc, ma isir xejn. Ghax biex nghamlu il ħobż, irridu nghażku l'art, naħartu, intauru, nizirghau, innakku, naħsdu, norbtu, inmeuzlu, ingiorru, nghamlu il kiegha, nidirsu, inkalbu, inderru, inħasslu, inxic-chu, inghezzu, ngharblu, insaffu, ngharmu nieħdu il kamħ id-dar, naħznuh fil maħ-mura, naħsluh, inxemxuh, nitħnuh dkiek, ngharbluh, ngħamlu il ħmira, nghaġnuh, naħmuh u fl'aħħar uara dan collu, irridu niecluh ucoll biex dan jatina l'ghajxien.

X'irrid infisser b'dan? Irrid inghid, li chiechu uieħed jokghod jaħseb f'dan collu l'ankas jitħajjar jaħseb li jizra il kamħ biex jghamel il ħobs x'jecol.

Hemm tajjeb li: "*bla bidu ma isirx tmiem*" li "*cull mibdi hu mitmum*". Mela jecc aħna ma naktghaux kalbna, bi ftit sabar; u rieda il bniedem collox jghamel.

Cull min irid jghamel jecc ħu kauui fil feħma collox itemm ! !

Fid-Dizzionarju ta Napuliun Bonaparti, ma chienitx tinsab jeu jinsabu: *"ma nafx"* *"ma nistax"*.

Izda biex dan iseħħ jinħtieġ li imiddu għonkhom jecc mhux il bdiena is-sied, għax il bidui niekes ucoll mil ħeġġa, billi meta hu jghamel xi *beneficati* fir-raba li mhux tieghu, billi iħauuel xi sigiar, jeu jicser xi xifer min blat jghamlu art għammielha is-sid jirgħeb u malair jghallilu ir-raba.

Dan mhux seuua ! Dan hu nukkas tal kalb *scuraggiment* u b'hec ka*t ma isir xein f'rabatna ! Dan imissu jibdieħ il Gvern u cull min jista, biex ugheinu lill artna bis-sigiar li jakdu ta ġmiel u gid.

C. Sant. Baħar ic-caghak.

---

## HUEJJEG TA MIN JAFHOM.

Il Bzar *Cayenne* (Bzar aħmar li jaħrak) illum jinsab cultivat quasi mad-dinja collha, izda l'euuel li chiber chien f'*Cayenne*, ghalhecc ħà dac l'isem. Cayenne illum giet imseiħa *"French Guiana"* tinsab fil costa ta l'America tisfel.

L'ectar pajjis vulcanicu hù il Giappun, li ghandu 51 vulcan. Hu ucoll l'ectar pajjis li fieħ jghamlu terremoti.

L'icbar siġra li il bottanici scopreu tinsab fil villaġ ta Tula (Messicu). Din hi *Cipressa* ghanda zocc principali b'circumferenza ta 154 pied, u jissopponu li ghanda fuk l'elf sena.

L'injam *"cauba"* li jghamlu il mobbli minnhu jesporta ruħu principalment mil Jamaica, ghalchemm is-siġra ticber ucoll fil *West Indies*, f'xi partijet ta l'America, fl'India u fl'Africa.

L'aħjar *Rum* jigi mil Jameica.

L'Autorità ta Berlin (Germanja) ghamlu mappa cbira tal Belt, collox imfisser seuua ghal li stranjer. Hi mghottija bi ħġieġ oħxon mghamul apposta. Din il mappa giet imkgheda f'Potzdam Platz, u hi ta ghainuna cbira lil dauc li isibu ruħhom f'Berlin. Hi imkgheda fuk speci ta meida tonda ta rħam,

---

## NGHALLMU L'IT-TFAL

*"It-tfal tal-lum huma l'irgiel ta ghada"* u huma dauc in nies li ghad jiffurmau artna ghaz zmien li gej.

Capijet ta familji chif ucoll surmastrijet ta scejjel u oħrain li ghandhom tfal taħt il cura taħhom, huma FID-DMIR li jghallmu lit-tfal li icunu kalbhom taiba u li bil-lghob taħhom ma jghamlux ħsara lil proxxmu.

Chemm fil bliet chif uc ll fil campanja ma tilmaħx ħlief bibien u ħitan mizbughajn jeu imbaidin frischi, imħazzin collha bil ġibs jeu bil-lapes. Dan hu vizziu li bi ftit ta energia u pacenzia nistghau naktauħ min fuk it-tfal, *billi nghalmuhom jirrispettau ħuejjeġ ħattieħor daks chemm jirrispettau taħħom.*

Li tħazzez ma ħitan jeu bibien hù dnub, u bosta drabi it-tifel ma icunx kghed jghamel ħaġ'oħra ħlief jisrak ichel min ħalk tfal oħra bħalu; missier uara li icun ghamel sagrificciu jisboħ u ibajjad biex izomm faċċiata ta dar pulita, uara sigħa isiba imħazza collha bil-lapes jeu bil gips! Dan jinħtieg jispiċċia.

Jecc nghallmu it-tfal tghana jirrispettau huejjeg ħattieħor, tfal ħattieħor icunu jirrispettau ħuejjigna !

---

# CUN BIDUI GHAKLI

La tħallix li jippersuaduc biex ituc xi ħagia u jgħeidulec li hi taiba daks in-Nitrat. La tuzax ħag'oħra izda itlob dejjem u *cun zgur* li ituc

**Il Famus Demel Artificiali**

# Nitrat tas-Soda

**TAC-CHILÌ**

Jinxtara min għand:

| | |
|---|---|
| G. M. BUGEJA & Co. | 25, Sda. Forni, IL BELT (Ħdejn il Cnisia ta Santu Uistin) |
| CARMELO VELLA | Vicolo Fauuara, SLIEMA |
| MICHELE MIFSUD | 62, Sda. Vincenzo, SLIEMA |
| THE GENERAL BAZAAR | 17, Piazza Paula, CASAL PAOLA |
| P. MIZZI (AGIUS) & SON | 13, Sda. Margherita, BORMLA |
| FEDELE SPITERI | 23, Sda. Reale, GUDIA |
| A. ABELA | 7, Sda. Reale, C. DINGLI |
| S. MIFSUD | 134, Via Congr. Eucaristico, MUSTA |
| GIUSEPPE MUSCAT | 378, Sda. Reale, C. CURMI |
| GIO. BATTA. SAMMUT | 115, Vallone, BIRCHIRCARA |
| ANTONIO FARRUGIA | 56, Sda. S. Angelo, ZEITUN |
| ALF. G. CAUCHI | "Farm Irdum," STA. VENNERA |
| GIOV. MUSCAT | 26, Sda. Reale, S. PAOLO A MARE |
| FRANCESCO GRECH | 36 Sda. Vecchia Doni, RABATO. |

GHAUDEX, min għand is-Sur GIUS. AZZOPARDI, Corso Fortunato Mizzi, ir-Rabat.

*N.B.—Nitrat tas-soda icun kiesu melħ,* **katt ma icun kiesu trab.**

"EXPORTATION-IMPORTATION"



REVUE MONDIALE

CUMMERC
INDUSTRIA
AGRICOLTURA.

**10, Rue Saint-Roch, 10**
**PARIS (1er)**

Domandi min ghand neguzianti ippublicati f'dan il giurnal b'xejn.
Informazionijet jigiu moghtija ta Fattoriji Francisi.

L'ufficciu u in-nies taghna jigiu imkgheda ghad-disposizioni ta dauc in-negozianti li izuru Franza u natu cull assistenza mehtiega.

Cull hargia tal giurnal "Exportation-Importation" figha informazionijet importanti fuk huejjeg li jintghamlu fi Franza.

Sottoscrizioni ghal sena (12 in-numru 80 franc).

**Copja bhal campiun tintbghad lilech b'xejn**
Semmi IL BIDUI meta tictbilna.

---



# BLYE's NURSING HOME

(BLYE HOSPITAL)

MUAKKAF FL'1919

**Corradino Hospital,**

**Casal Paula, MALTA.**

Sptar privat ghan-nisa u rgiel, gharius u mizmum bir-rekka collha scont ma titlob is-Sanità, u appruvat mil *Malta Medical Board.* Jilka cull xorta ta mard, (basta ma icunx jittiehed). Maghruf ghas-success cbir li chellhom in-numru cbir ta operazionijet, indafa, cura, dieta, u attenzioni li jircievu il morda.

L'ahjar tobba Maltin, imfahhrin ghal medicina u il chirurgia, specializzati min barra.

Il marid jista icun iccurat mit-tabib curanti tighu.

Infermieri nisa u irgiel mill ahiar, lejl u nhar.

Visiti culljum mit-Tobba ta li Sptar mid-9 a.m. sal 10.30 u mill 4 p.m. sal 5 p.m.

L'isptar hua taht it-trigija u it-thabric tal proprietarji. Is-sezzioni tan-nisa hia taht id-direzzioni tas-Sinjorini Blye.